Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

6 ta' Ottubru 2020 *

Werrej

I. Il-kuntest ġuridiku 5
A. Id-dritt tal-WTO 5
1. Il-Ftehim li Jistabbilixxi l-WTO 5
2. Il-GATS 5
3. Il-Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Tilwim 7
B. Id-dritt tal-Unjoni 9
C. Id-dritt Ungeriż 10
II. Il-proċedura prekontenzjuża 10
III. Fuq ir-rikors 12
A. Fuq l-ammissibbiltà 12
1. L-argumenti tal-partijiet 12
2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 13
B. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja 14
1. L-argumenti tal-partijiet 14
2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 16
C. Fuq il-mertu 19
1. Fuq ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti 19

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

a) Fuq l-effetti li għandhom jingħataw lill-impenn tal-Ungerija, fir-rigward tas-servizzi ta' edukazzjoni ogħla, fir-rigward tar-regola tat-trattament nazzjonali li tinsab fl-Artikolu XVII tal-GATS 19

i) L-argumenti tal-partijiet 19

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 20

b) Fuq il-bidla tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur fornituri nazzjonali simili 21

i) L-argumenti tal-partijiet 21

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 22

2) Fuq il-ġustifikazzjoni skont l-Artikolu XIV tal-GATS 22

i) L-argumenti tal-partijiet 22

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 23

2. Fuq ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat 24

a) Fuq l-Artikolu XVII tal-GATS 24

1) Fuq il-bidla tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur fornituri nazzjonali simili 25

i) L-argumenti tal-partijiet 25

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 25

2) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni 26

i) L-argumenti tal-partijiet 26

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 26

b) Fuq l-Artikolu 49 TFUE 27

1) Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 49 TFUE 27

i) L-argumenti tal-partijiet 27

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 27

2) Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni 27

i) L-argumenti tal-partijiet 27

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 28

3) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni 28

i) L-argumenti tal-partijiet 28

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 29

c) Fuq l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123 u, sussidjarjament, fuq l-Artikolu 56 TFUE 30

1) Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2006/123 30

i) L-argumenti tal-partijiet 30

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 31

2) Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni 31

i) L-argumenti tal-partijiet 31

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 31

3) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni 32

i) L-argumenti tal-partijiet 32

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 32

3. Fuq l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta 33

a) Fuq l-applikabbiltà tal-Karta 33

1) L-argumenti tal-partijiet 33

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 33

b) Fuq l-eżistenza ta' limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali kkonċernati 34

1) L-argumenti tal-partijiet 34

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 34

c) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni 36

1) L-argumenti tal-partijiet 36

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 36

Fuq l-ispejjeż 37

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ammissibbiltà – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi – Artikolu XVI – Aċċess għas-swieq – Skeda ta' impenji speċifiċi – Kundizzjoni relatata mal-eżistenza ta' awtorizzazzjoni – Artikolu XX(2) – Artikolu XVII – Trattament nazzjonali – Fornitur ta' servizzi li għandu s-sede tiegħu fi Stat terz – Leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li timponi kundizzjonijiet għall-provvista ta' servizzi ta' edukazzjoni ogħla fit-territorju tiegħu – Rekwiżit relatat mal-konklużjoni ta' konvenzjoni internazzjonali mal-Istat tas-sede tal-fornitur – Rekwiżit relatat mal-għoti ta' taħriġ fl-Istat tas-sede tal-fornitur – Modifika tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni favur forniturі nazzjonali – Ġustifikazzjoni – Ordni pubbliku – Prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Direttiva 2006/123/KE – Servizzi fis-suq intern – Artikolu 16 – Artikolu 56 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Eżistenza ta' restrizzjoni – Ġustifikazzjoni – Raġuni imperattiva ta'

interess ġenerali – Ordni pubbliku – Prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa – Livell għoli ta' kwalità tat-tagħlim – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 13 – Libertà akkademika – Artikolu 14(3) – Libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim – Artikolu 16 – Libertà ta' intrapriża – Artikolu 52(1)"

Fil-Kawża C-66/18,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, imressaq fl-1 ta' Frar 2018

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn V. Di Bucci, L. Malferrari u B. De Meester kif ukoll minn K. Talabér-Ritz, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

L-Ungerija, irrappreżentata minn M. Z. Fehér u G. Koós, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi President, A. Arabadjiev, A. Prechal, M Vilaras, M. Safjan u S. Rodin, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, J. Malenovský (Relatur), L. Bay Larsen, T. von Danwitz, C. Toader u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' Ġunju 2019,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tikkonstata li, billi imponiet fuq l-istabbilimenti ta' edukazzjoni barranin li jinsabu barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) il-konklużjoni ta' konvenzjoni internazzjonali bħala kundizzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi ta' tagħlim, b'mod konformi mal-Artikolu 76(1)(a) tan-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény (il-Liġi Nru CCIV tal-2011, dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali) (*Magyar Közlöny* 2011/165), kif emendata bin-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény (il-Liġi Nru XXV tal-2017, li temenda l-Liġi Nru CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali), adottata mill-Parlament Ungeriż fl-4 ta' April 2017 (*Magyar Közlöny* 2017/53) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Edukazzjoni Għola"), l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (iktar 'il quddiem il-"GATS") li jinsab fl-Anness 1 B tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), iffirmat f'Marrakesh u approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem

il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim li Jistabbilixxi l-WTO");

– tikkonstata li, billi imponiet fuq l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin li jipprovdu edukazzjoni ogħla fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'mod konformi mal-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36), u, fi kwalunkwe każ, skont l-Artikoli 49 u 56 TFUE, kif ukoll l-Artikolu XVII tal-GATS;

– tikkonstata li, billi imponiet il-miżuri msemmija iktar 'il fuq, skont l-Artikolu 76(1)(a) u (b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla (iktar 'il quddiem il-"miżuri kontenzjużi"), l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), u

– tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-WTO

1. Il-Ftehim li Jistabbilixxi l-WTO

2 L-Artikolu XVI(4) tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-WTO jipprovdi:

"Kull Membru għandu jiżgura l-konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri amministrattivi tiegħu rigward l-obbligi tiegħu kif ipprovvdut fil-Ftehim annessi."

2. Il-GATS

3 L-Artikolu I(1) sa (3) tal-GATS jipprovdi:

"1. Dan il-Ftehim japplika għal miżuri minn Membri li jagħmlu kummerċ fis-servizzi.

2. Għall-iskop ta' dan il-Ftehim, kummerċ fis-servizzi huwa definit bħala l-provvista ta' servizz:

[…]

(ċ) minn fornitur ta' servizz ta' Membru wieħed, permezz ta' preżenza kummerċjali fit-territorju ta' Membru ieħor;

[…]

3. Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim:

a) 'miżuri mill-Membri' tfisser miżuri meħuda minn:
   i) gvernijiet u awtoritajiet reġjonali jew lokali: u
   ii) korpi non-governattivi fl-eżerċizzju tal-poteri tagħhom iddelegati minn gvernijiet u awtoritajiet reġjonali jew lokali;

Fil-qadi ta' l-obbligazzjonijiet u r-rabtiet taħt dan il-Ftehim, kull Membru għandu jieħu dawk il-miżuri raġonevoli li jkunu disponibbli għalih sabiex jiżgura l-osservanza tagħhom minn gvernijiet u awtoritajiet reġjonali u lokali u korpi non-governattivi fit-territorju tiegħu;

[…]"

4 L-artikolu XIV tal-GATS jipprovdi:

"Mingħajr ħsara għall-ħtieġa li dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u mhux ġustifikabbli bejn il-pajjiżi fejn jipprevalu kondizzjonijiet simili, jew restrizzjoni fuq il-kummerċ fis-servizzi moħbija, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem li ma jħallix l-adozzjoni jew l-infurzar minn xi Membri ta' miżuri:

a) neċessarji sabiex jipproteġu l-morali pubblika jew sabiex iżommu l-ordni pubblika;

[…]

(ċ) neċessarji sabiex jiżguraw il-konformità mal-liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma':
i) il-prevenzjoni ta' prassi li jqarrqu u frodulenti jew it-trattament ta' l-effetti ta' ksur ta' kuntratti ta' servizz;

[…]"

5 L-Artikoli XVI sa XVIII tal-GATS jaqgħu taħt il-Parti III ta' dan il-ftehim, intitolata "Rabtiet speċifiċi".

6 L-Artikolu XVI tal-GATS, intitolat "Aċċess għas-Suq", jipprevedi:

"1. Fejn jidħol aċċess għas-suq permezz tal-modi ta' provvista identifikati fl-Artikolu I, kull Membru għandu jagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi ta' Membru ieħor trattament mhux inqas favorevoli minn dak ipprovdut taħt it-termini, limitazzjonijiet u kondizzjonijiet miftehma u speċifikati fl-Iskeda tiegħu.

2. F'setturi fejn ir-rabtiet tal-aċċess għas-suq ikunu ttieħdu, il-miżuri li Membru ma jistax iżomm jew jaddotta sew jekk fuq bażi ta' suddiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tiegħu, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Iskeda tiegħu, hume definiti bħala:

a) limitazzjonijiet fuq in-numru ta' fornituri tas-servizzi sew jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, fornituri tas-servizzi esklussivi jew il-ħtieġa tat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi;

b) limitazzjonijiet fuq il-valur totali tat-tranżazzjonijiet jew assi tas-servizz fil-forma ta' kwoti numeriċi jew il-ħtieġa tat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi;

(ċ) limitazzjonijet fuq in-numru totali ta' operazzjonijiet tas-servizz jew fuq il-kwantità totali ta' ħruġ espress f'termini ta' units numeriċi fil-forma ta' kwoti jew il-ħtieġa ta' test tal-bżonnijiet ekonomiċi;

d) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' persuni naturali li jistgħu jkunu impjegati f'settur tas-servizzi partikolari jew li fornitur tas-servizzi jista' jimpjega u li huma neċessarji għal, u direttament irrelatati mal-provvista ta' servizz speċifiku fil-forma ta' kwoti numeriċi jew il-ħtieġa ta' test tal-bżonnijiet ekonomiċi;

e) miżuri li jirrestringu jew jirrikjedu tipi speċifiċi ta' entitá legali jew intrapriża konġunta li permezz tagħha fornitur tas-servizzi jista' jipprovdi servizz; u

f) limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini ta' limitu ta' perċentwal massimu fuq azzjonarjat barrani jew il-valur totali ta' l-investiment barrani totali jew individwali."

7 L-Artikolu XVII tal-GATS, intitolat "Trattament Nazzjonali", jipprovdi:

"1. "Fis-setturi imsemmija fl-Iskeda, bla ħsara għal xi kondizzjonijiet jew kwalifiċi imsemmija fiha, kull Membru għandu jħalli lil servizzi jew fornituri ta' servizzi ta' Membri oħrajn, fejn jidħlu miżuri li jaffettwaw il-provvista tas-servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li jħalli għal servizzi u fornituri tas-servizzi simili tiegħu stess.

2. Membru jista' jilħaq il-ħtiġijiet tal-paragrafu 1 billi jħalli lil servizzi jew fornituri tas-servizzi ta' xi Membru ieħor, jew trattament formalment identiku jew trattament formalment differenti minn dak li jħalli lil servizzi jew fornituri tas-servizzi simili tiegħu stess.

3. Trattament formalment identiku jew formalment differenti għandu jkun ikkunsidrat inqas favorevoli jekk ibiddel il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni favur is-servizzi jew il-fornituri tas-servizzi tal-Membru meta kkumparat ma' servizzi jew fornituri tas-servizzi simili ta' xi Membru ieħor."

8 Skont l-Artikolu XX(1) u (2) tal-GATS:

"1. Kull Membru għandu jistabbilixxi fi skeda r-rabtiet speċifiċi li għamel taħt Parti III ta' dan il-Ftehim. Fejn jidħlu setturi li fihom dawn ir-rabtiet ġew magħmulin, kull Skeda għandha tispeċifika:

a) termini, limitazzjonijiet u kondizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq;

b) kondizzjonijiet u kwalifiċi fuq it-trattament nazzjonali;

[…]

2. Miżuri inkonsistenti kemm ma' l-Artikolu XVI u kemm ma' l-Artikolu XVII għandhom ikunu mniżżla fil-kolonna rrelatata ma' l-Artikolu XVI. F'dan il-każ l-iskrizzjoni tkun ikkunsidrata bħala waħda li tipprovdi kondizzjoni jew kwalifika għall-Artikolu XVII ukoll".

3. Il-Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Tilwim

9 Il-Ftehim dwar Regoli u Proċeduri li Jirregolaw Konkluzjonijiet ta' Tilwim, li jinsab fl-Anness 2 tal-Ftehim li jistabbilixxi l-WTO (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Tilwim"), jipprevedi, fl-Artikolu 1(1) tiegħu, li r-regoli u l-proċeduri li jinsabu fih għandhom japplikaw għat-tilwim ippreżentat skont id-dispożizzjonijiet dwar il-konsultazzjonijiet u r-riżoluzzjoni ta' tilwim tal-ftehimiet li jinsabu fl-Anness 1 tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-WTO, fosthom il-GATS.

10 L-Artikolu 3(2) ta' dan il-ftehim jipprovdi:

"Is-sistema ta' risoluzzjoni ta' rilwim tal-WTO hi element ċentrali fil-provvista ta' sigurtà u predizzjoni għas-sistema kummerċjali multilaterali. Il-Membri jagħrfu li sservi biex tippreserva d-drittijiet u l-obbligi tal-Membri taħt il-ftehim koperti, u biex tiċċara d-dispożizzjonijiet ta' dawk il-ftehim skond ir-regoli tas-soltu ta' l-interpretazzjoni tal-liġi pubblika internazzjonali Rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet [tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim] ma jistgħux iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi provduti fil-ftehim koperti."

11 Skont l-Artikolu 11 tal-imsemmi ftehim:

"Il-funzjoni tal-*panels* hu li jassistu [lill-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim] fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tiegħu taħt dan il-Ftehim u l-ftehim koperti. Bl-istess mod, *panel* għandu jagħmel stima oġġettiva tal-kwistjoni quddiemu, inklużi stima oġġettiva tal-fatti tal-każ u l-applikabbilità u konformità mal-ftehim koperti rilevanti, waqt li jagħmel sejbiet oħra bħal dawn li jassistu [lill-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim] meta jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet jew fl-għotja tad-deċiżjonijiet provduti mill-ftehim koperti. Il-*panels* għandhom jikkonsultaw regolarment mal-partijiet tat-tilwima u jagħtuhom opportunità adegwata biex jiżviluppaw soluzzjoni sodisfaċenti reċiprokament."

12 L-Artikolu 17 tal-istess ftehim, intitolat "Reviżjoni ta' l-Appell", jipprovdi b'mod partikolari:

"6. Appell għandu jkun limitat għall-materji ta' liġi koperti fir-rapport tal-*panel* u fl-interpretazzjonijiet legali żviluppati mill-*panel*.

[…]

13. Il-Korp Ta' l-Appell jista' jżomm, jimodifika jew jaqleb is-sejbiet legali u l-konklużjonijiet tal-*panel*.

[…]"

13 Skont l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Tilwim:

"Fejn *panel* jew Korp Ta' l-Appell jikkonkludi li miżura hi inkonsistenti mal-ftehim kopert, hu għandu jirrakkomanda li l-Membru konċernat iġib il-miżura skond dak il-ftehim. Barra minn hekk mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, il-*panel* jew il-Korp Ta' l-Appell jista' jipproponi modi li fihom il-Membru konċernat jista' jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet."

14 L-Artikolu 21 ta' dan il-memorandum ta' ftehim, intitolat "Sorveljanza ta' l-Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet u d-Deċiżjonijiet", jipprovdi:

"1. Konformità mill-ewwel mar-rakkomandazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet [tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim] hi essenzali biex tkun aċċertata resoluzzjoni effettiva tat-tilwim għall-benefiċċju tal-Membri kollha.

[…]

3. F'laqgħa [tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim] li ssir fi żmien 30 jum wara d-data ta' l-adozzjoni tar-rapport tal-*panel* jew il-Korp Ta' l-Appell, il-Membru konċernat għandu jgħarraf [lill-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim] bl-intenzjonijiet tiegħu dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet [tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim]. Jekk huwa impratikabbli biex taqbel immedjatament mar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet, il-Membru konċernat għandu jkollu perjodu raġonevoli ta' żmien li fih jista' jagħmel hekk. […]

[…]

6. [Il-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim] għandu jżomm taħt sorveljanza l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet addottati. […]

[…]"

15 L-Artikolu 22(1) tal-imsemmi ftehim jipprovdi li:

"1. Kumpens u s-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew obbligi oħra huma miżuri temporanji disponibbli fil-każ li r-rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet m'humiex implimentati f'perjodu raġonevoli ta' ħin. […]"

16 Skont l-Artikolu 23(1) ta l-istess ftehim:

"Meta Membri jfittxu r-rimedju għal ksur ta' obbligi jew tħassir ieħor tal-benefiċċji taħt il-ftehim koperti jew tfixkil għal kisba ta' kwalunkwe għan tal-ftehim koperti, għandhom ikunu jistgħu jirrikorru għal, u jimxu ma', ir-regoli u l-proċeduri ta' dan il-Ftehim."

B. Id-dritt tal-Unjoni

17 Il-premessa 41 tad-Direttiva 2006/123 tipprovdi li:

"Il-kunċett ta' 'politika pubblika', kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja [tal-Unjoni Ewropea], ikopri l-protezzjoni kontra theddid serju ġenwin u suffiċjenti li jaffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà u jista' jinkludi, b'mod partikolari, kwistjonijiet relatati mad-dinjità umana, il-protezzjoni ta' minuri u adulti vulnerabbli u l-benesseri ta' l-annimali. […]"

18 Skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/123, id-direttiva tapplika għal servizzi pprovduti mill-fornituri stabbiliti fi Stat Membru.

19 Il-punt 1 tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-kunċett ta' "servizz" bħala "attività ekonomika mhux imħallsa, normalment magħmula għal remunerazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu [57 TFUE]".

20 L-Artikolu 16 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Libertà tal-provvista ta' servizzi", jipprevedi fl-ewwel u fit-tielet paragrafu tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-fornituri li jfornu servizzi fi Stat Membru ieħor għajr dak fejn huma stabbiliti.

L-Istat Membru fejn ġie provdut is-servizz għandu jiżgura aċċess liberu u eżerċizzju liberu ta' attività ta' servizz fi ħdan it-territorju tiegħu.

L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fit-territorju tagħhom soġġett għal konformità ma' xi rekwiżit li ma jirrispettax il-prinċipji li ġejjin:

a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżit m'għandux ikun diskriminatorju la direttament lanqas indirettament fir-rigward tan-nazzjonalità jew, f'każ ta' persuni ġuridiċi, fir-rigward ta' l-Istat Membru fejn huma stabbiliti,

b) bżonn: il-bżonn għandu jkun ġustifikat għal raġunijiet tal-politika pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent,

(ċ) proporzjonalità: ir-rekwiżit għandu jkun adatt biex jikseb l-objettivi mfittxa, u m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-objettiv.

[…]

3. L-Istat Membru fejn il-fornitur imur m'għandux ikun imxekkel milli jimponi rekwiżiti fir-rigward tal-provvista ta' attività ta' servizz, fejn ikunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika, saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent u skond il-paragrafu 1. […]"

C. Id-dritt Ungeriż

21 Skont l-Artikolu 76(1)(a) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-istabbiliment ta' edukazzjoni ogħla ma jistax jeżerċita attività ta' taħriġ li twassal għal diploma fit-territorju Ungeriż ħlief jekk "il-Gvern Ungeriż u l-Gvern tal-Istat fejn tinsab is-sede tal-istabbiliment ta' edukazzjoni ogħla barrani jkunu taw il-kunsens tagħhom sabiex ikunu marbuta minn konvenzjoni dwar is-sostenn ta' prinċipju mogħti lill-istabbiliment sabiex tiġi eżerċitata attività fl-Ungerija, konvenzjoni, li, fil-każ ta' Stat Federali, hija bbażata fuq ftehim minn qabel konkluż mal-gvern ċentrali meta dan ma għandux kompetenza sabiex jagħti kunsens sabiex ikun marbut minn konvenzjoni internazzjonali" (iktar 'il quddiem ir-"rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti").

22 Skont l-Artikolu 77(2) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Artikolu 76(1)(a) ta' din il-liġi ma japplikax għall-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin stabbiliti f'pajjiż ieħor membru taż-ŻEE.

23 L-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla jipprovdi li l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin li jeżerċitaw attività fl-Ungerija għandhom mhux biss ikollhom il-kwalità ta' stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla awtorizzati mill-Istat fil-pajjiż fejn tinsab is-sede tagħhom, iżda għandhom ukoll jipprovdu "effettivament taħriġ ta' edukazzjoni ogħla" fil-pajjiż inkwistjoni (iktar 'il quddiem ir-"rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat").

24 B'mod konformi mal-Artikolu 77(3) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 76(1)(b) ta' din il-liġi japplikaw ukoll għall-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru taż-ŻEE.

25 L-Artikolu 115(7) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla kien jistabbilixxi fl-1 ta' Jannar 2018 it-terminu mogħti lill-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin sabiex jissodisfaw il-kundizzjonijiet iddefiniti fl-Artikolu 76(1) ta' din il-liġi, bl-eċċezzjoni tal-Istati Federali li għalihom ftehim preċedenti kellu jiġi konkluż mal-gvern ċentrali fis-sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tal-Liġi Nru XXV tal-2017, jiġifieri qabel il-11 ta' Ottubru 2017. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni kienet tipprovdi li l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmija liġi tiġi rtirata lilhom l-awtorizzazzjoni li huma għandhom u li, mill-1 ta' Jannar 2018, ebda student ma jista' jiġi rreġistrat fl-ewwel sena ta' taħriġ ipprovdut fl-Ungerija minn stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla barrani, filwaqt li l-korsijiet diġà mibdija fl-Ungerija fl-1 ta' Jannar 2018 setgħu jitlestew, mhux iktar tard fis-sena universitarja 2020/2021, fl-istess kundizzjonijiet skont sistema ta' abbandun gradwali.

II. Il-proċedura prekontenzjuża

26 Peress li qieset li, billi adottat il-Liġi Nru XXV tal-2017, l-Ungerija kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 9, 10 u 13, il-punt 3 tal-Artikolu 14 u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123, kif ukoll, sussidjarjament, l-Artikoli 49 u 56 TFUE, l-Artikolu XVII tal-GATS, u l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta, il-Kummissjoni, fis-27 ta' April 2017, bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil dan l-Istat Membru, li lilu hija tat terminu ta' xahar sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. L-Ungerija weġbitha permezz ta' ittra tal-25 ta' Mejju 2017, li fiha hija kkontestat in-nuqqasijiet li ġiet akkużata bihom.

27 Fl-14 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata li fiha kkonkludiet, b'mod partikolari, li:

– billi imponiet fuq l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin li jinsabu barra miż-ŻEE l-konklużjoni ta' konvenzjoni internazzjonali bħala kundizzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi ta' tagħlim, b'mod konformi mal-Artikolu 76(1)(a) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-GATS;

– billi imponiet fuq l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin li jipprovdu edukazzjoni ogħla fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'mod konformi mal-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123 u, fi kwalunkwe każ, taħt l-Artikoli 49 u 56 TFUE, u

– billi imponiet il-miżuri kontenzjużi, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta.

28 Il-Kummissjoni imponiet terminu ta' xahar fuq l-Ungerija sabiex tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-opinjoni motivata jew sabiex tippreżentalha osservazzjonijiet.

29 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Lulju 2017, l-Ungerija talbet proroga ta' dan it-terminu, li l-Kummissjoni rrifjutatilha.

30 L-Ungerija wieġbet għall-opinjoni motivata permezz ta' ittra tal-14 ta' Awwissu 2017, li fiha kkonkludiet li ma kienx hemm l-allegati nuqqasijiet.

31 Dan l-Istat Membru, permezz ta' ittra tal-11 ta' Settembru 2017, ittrażmetta lill-Kummissjoni osservazzjonijiet ġodda intiżi, b'mod partikolari, sabiex jiġi stabbilit il-paragun bejn is-sitwazzjoni tiegħu u dik ta' Stati Membri oħra kif ukoll sabiex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna diversi Stati Membri.

32 Fis-26 ta' Settembru 2017, saret laqgħa ta' esperti bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u dawk tal-Ungerija.

33 Fil-5 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Ungerija opinjoni motivata addizzjonali li fiha hija sostniet li, billi imponiet fuq l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin l-obbligu li jipprovdu edukazzjoni ogħla fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'mod konformi mal-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija kienet ukoll naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-GATS.

34 Permezz ta' ittra tas-6 ta' Ottubru 2017, l-Ungerija bagħtet lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali, li fiha spjegat li l-Istati Uniti tal-Amerika kienu l-uniku Stat Federali mhux membru taż-ŻEE li miegħu kellu jiġi konkluż ftehim minn qabel, kif previst fl-Artikolu 76(1)(a) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla. Skont l-informazzjoni pprovduta sussegwentement mill-awtoritajiet Ungeriżi, tali ftehim preċedenti kien ġie konkluż fit-terminu inizjalment previst fl-Artikolu 115(7) ta' din il-liġi li d-data ta' skadenza tiegħu kienet il-11 ta' Ottubru 2017.

35 L-Ungerija wieġbet għall-opinjoni motivata addizzjonali permezz ta' ittra tat-18 ta' Ottubru 2017, li fiha informat lill-Kummissjoni bl-adozzjoni mill-Parlament Ungeriż, fis-17 ta' Ottubru 2017, ta' abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla li, b'mod partikolari, kellu l-effett li jipposponi għall-1 ta' Jannar 2019 id-data ta' skadenza prevista fl-Artikolu 115(7) ta' din il-liġi sabiex jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 76(1) tagħha.

36 L-Ungerija indikat, barra minn hekk, f'din l-ittra li l-liġi li tirrigwarda l-promulgazzjoni tal-ftehim dwar il-kooperazzjoni fil-qasam ta' edukazzjoni ogħla konkluż bejn il-Gvern Ungeriż u l-Istat tal-Maryland (l-Istati Uniti), dwar l-eżerċizzju, mill-McDaniel College, ta' attività fl-Ungerija, kienet ġiet ippubblikata fil-*Magyar Közlöny* (il-Ġurnal Uffiċjali tal-Ungerija).

37 Fl-aħħar nett, permezz ta' ittra tat-13 ta' Novembru 2017, l-Ungerija bagħtet lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali ġdida, li tippreċiża li l-konvenzjoni internazzjonali neċessarja għat-tkomplija fl-Ungerija tal-attività tal-università tal-mediċina ta' Heilongjiang Daxue (iċ-Ċina) kienet ġiet iffirmata fit-30 ta' Ottubru 2017.

38 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Kummissjoni, fl-1 ta' Frar 2018, ippreżentat dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fir-rigward tal-miżuri kontenzjużi.

39 Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2018, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ta lil din il-kawża trattament prijoritarju, b'applikazzjoni tal-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

III. Fuq ir-rikors

A. Fuq l-ammissibbiltà

1. L-argumenti tal-partijiet

40 Fir-risposta tagħha, l-Ungerija ssostni li r-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, minħabba l-aġir tal-Kummissjoni matul il-proċedura prekontenzjuża u minħabba illegalitajiet li jirriżultaw minn dan l-aġir. Dan l-Istat Membru jesponi l-ewwel nett li l-Kummissjoni imponietlu, mingħajr ma pprovdiet ebda ġustifikazzjoni, li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-ittra ta' intimazzjoni, imbagħad fuq l-opinjoni motivata, f'terminu ta' xahar, minflok dak ta' xahrejn li huwa normalment applikat fil-kuntest tal-proċeduri prekontenzjużi, u dan minkejja li l-Ungerija kellha taffaċċja żewġ proċeduri oħra għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mibdija b'mod parallel u rregolati wkoll minn termini simili. Sussegwentement, il-Kummissjoni kienet ċaħdet it-talbiet għal proroga tagħha ta' dan it-terminu mingħajr ma pprovdiet motivazzjoni xierqa.

41 Tali aġir juri li l-Kummissjoni ma fittxitx li tisma' b'mod adegwat lill-Ungerija, bi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. Dan l-aġir jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt tal-Ungerija li tinvoka b'mod utli l-motivi ta' difiża tagħha.

42 Fil-kontroreplika tagħha, l-Ungerija tirrileva, barra minn hekk, li l-Kummissjoni tipprova tiġġustifika l-aġir tagħha billi tinvoka ċ-ċirkustanza li l-awtoritajiet Ungeriżi ma kinux disposti li jħassru d-dispożizzjonijiet kontenzjużi tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla. Issa, tali ċirkustanza ma tistax tiġi invokata sabiex tiġġustifika tnaqqis tat-termini applikabbli għall-proċedura prekontenzjuża, mingħajr ma jkun hemm ksur tal-għanijiet ta' din tal-aħħar.

43 Barra minn hekk, l-Ungerija ssostni li, billi ħalliet x'jinftiehem b'mod ċar li hija kienet bdiet din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu esklużivament fl-interess tas-Central European University (CEU) u minħabba kunsiderazzjonijiet purament politiċi, il-Kummissjoni ppreġudikat b'mod serju d-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41(1) tal-Karta.

44 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza ta' dan l-argument.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

45 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-argument ibbażat fuq termini ta' tweġiba allegatament eċċessivament qosra imposti mill-Kummissjoni fuq l-Ungerija, għandu jitfakkar li l-għan tal-proċedura prekontenzjuża hu li tingħata l-possibbiltà lill-Istat Membru kkonċernat li jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni jew li jsostni utilment il-motivi ta' difiża tiegħu kontra lmenti fformulati mill-Kummissjoni (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-371/04, EU:C:2006:668, punt 9). Ir-regolarità ta' din il-proċedura tikkostitwixxi garanzija essenzjali mixtieqa mit-Trattat FUE, mhux biss għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-Istat Membru inkwistjoni, iżda wkoll sabiex jiġi żgurat li l-eventwali proċedura kontenzjuża jkollha bħala suġġett tilwima ddefinita b'mod ċar (sentenza tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja *et*, L-Ungerija vs Ir-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmu temporanju ta' rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali), C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257, punt 91 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46 Dawn l-għanijiet jobbligaw lill-Kummissjoni li tagħti lill-Istati Membri kkonċernati terminu raġonevoli sabiex iwieġbu għall-ittra ta' intimazzjoni u sabiex jikkonformaw ruħhom ma' opinjoni motivata jew, jekk ikun il-każ, sabiex jippreparaw id-difiża tagħhom. Sabiex tiġi evalwata n-natura raġonevoli tat-terminu stabbilit, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw il-każ ineżami (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Polonja *et*, L-Ungerija vs Ir-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmu temporanju ta' rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali), C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257, punt 92 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li terminu qasir jista' jkun iġġustifikat f'sitwazzjonijiet partikolari, b'mod partikolari meta jkun hemm urġenza sabiex jiġi rrimedjat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jew meta l-Istat Membru kkonċernat ikun jaf b'mod sħiħ il-perspettiva tal-Kummissjoni ferm qabel il-bidu tal-proċedura (sentenza tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja *et*, L-Ungerija vs Ir-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmu temporanju ta' rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali), C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257, punt 92).

48 F'dan il-każ, il-Parlament Ungeriż, fl-4 ta' April 2017, adotta l-Liġi Nru XXV, li tipprovdi li l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet minn issa elenkati fl-Artikolu 76(1) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, minn naħa, kienet ser tiġi lilhom irtirata l-awtorizzazzjoni sabiex jeżerċitaw l-attività tagħhom u, min-naħa l-oħra, ma għandhomx iktar id-dritt li jaċċettaw studenti ġodda fl-ewwel sena mill-1 ta' Jannar 2018, fejn il-korsijiet diġà mibdija għandhom jitlestew mhux iktar tard matul is-sena universitarja 2020/2021.

49 Fis-27 ta' April 2017, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-Ungerija u tatha terminu ta' xahar sabiex tippreżenta osservazzjonijiet. Fl-14 ta' Lulju 2017, din l-istituzzjoni ħarġet opinjoni motivata li fiha tat lil dan l-Istat Membru terminu ta' xahar sabiex jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu magħha jew sabiex jippreżenta osservazzjonijiet.

50 Fir-rigward taċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq, li minnhom jirriżulta li t-terminu mogħti lill-Ungerija kien immotivat mill-urġenza li kienet teżisti, skont il-Kummissjoni, sabiex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat fil-konfront ta' dan l-Istat Membru, terminu ta' xahar ma jidhirx li huwa irraġonevoli.

51 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Ungeriż, din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu biss fl-1 ta' Frar 2018. Fil-fatt, din tal-aħħar kienet ġiet informata minn qabel, permezz ta' ittra tat-18 ta' Ottubru 2017, dwar il-posponiment sal-1 ta' Jannar 2019 tad-data li minnha l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 76(1) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla ma jkollhomx iktar id-dritt li jaċċettaw studenti ġodda fl-ewwel sena.

52 Fi kwalunkwe każ, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-Kummissjoni tissottometti proċedura prekontenzjuża għal termini qosra ma jistax, fih innifsu, iwassal għall-inammissibbiltà tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu sussegwenti. Fil-fatt, ikun hemm tali inammissibbiltà biss fil-każ fejn l-aġir tal-Kummissjoni jkun ipprekluda lill-Istat Membru kkonċernat milli jsostni b'mod utli l-motivi ta' difiża tiegħu kontra lmenti fformulati mill-Kummissjoni u għalhekk tkun kisret id-drittijiet tad-difiża, fejn dan l-Istat Membru għandu l-obbligu li jipproduċi l-prova ta' dan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva), C-78/18, EU:C:2020:476, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Issa, f'dan il-każ, l-Ungerija ma pproduċietx tali prova.

54 Għall-kuntrarju, l-eżami tal-iżvolġiment tal-proċedura prekontenzjuża, kif imfakkar fil-punti 26 sa 37 ta' din is-sentenza, juri, qabel kollox, li l-Ungerija, fit-terminu ta' xahar li kien ġie mogħti lilha mill-Kummissjoni, ippreżentat osservazzjonijiet iddettaljati dwar l-ittra ta' intimazzjoni, u sussegwentement dwar l-opinjoni motivata. Sussegwentement, dan l-Istat Membru ppreżenta osservazzjonijiet ġodda dwar dan is-suġġett fi tliet ittri tal-11 ta' Settembru, tas-6 ta' Ottubru u tat-13 ta' Novembru 2017, li kollha ġew aċċettati mill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, mill-analiżi tad-dokumenti skambjati matul il-proċedura prekontenzjuża kif ukoll dik tar-rikors promotur jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet kollha fformulati mill-Ungerija għall-fażijiet differenti ta' din il-proċedura, inklużi dawk ippreżentati wara l-iskadenza tat-termini mogħtija.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa irrilevanti li termini analogi kienu ġew mogħtija lill-Ungerija, matul l-istess perijodu, f'żewġ proċeduri oħra għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li kienu jikkonċernawha.

56 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-allegazzjoni tal-Ungerija li l-Kummissjoni allegatament tat bidu għal din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bl-għan waħdieni li tipproteġi l-interessi tas-CEU, u dan għal għanijiet purament politiċi, għandu jitfakkar li l-għan li għandu jintlaħaq mill-proċedura prevista fl-Artikolu 258 TFUE huwa l-konstatazzjoni oġġettiva tan-nuqqas ta' osservanza minn Stat Membru tal-obbligi imposti fuqu mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-620/16, EU:C:2019:256, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' tali proċedura, il-Kummissjoni għandha, f'dak li jikkonċerna l-opportunità li tibda tali proċedura, setgħa diskrezzjonali li fuqha l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax' teżerċita stħarriġ ġudizzjarju.(ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Il-Kummissjoni vs Ir-Rumanija (Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus), C-549/18, EU:C:2020:563, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa ammissibbli.

B. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

1. L-argumenti tal-partijiet

58 L-Ungerija teċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dak li jikkonċerna l-ilmenti tal-Kummissjoni bbażati fuq ksur tal-GATS.

59 Fl-ewwel lok, dan l-Istat Membru jsostni li, b'mod konformi mal-Artikolu 6(e) TFUE, il-qasam tal-edukazzjoni ogħla ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea u li huma konsegwentement l-Istati Membri kkonċernati li, f'dan il-qasam, jissodisfaw, individwalment, l-eventwali nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tagħhom skont il-GATS.

60 Fit-tieni lok, b'mod konformi mar-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali, huma esklużivament il-gruppi speċjali u l-Korp tal-Appell tal-WTO (iktar 'il quddiem il-"Korp tal-Appell") stabbiliti mill-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim (iktar 'il quddiem il-"KRT") li għandhom jevalwaw jekk il-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla hijiex kompatibbli mal-impenji meħuda mill-Ungerija skont il-GATS.

61 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-61/94, EU:C:1996:313, punti 15 u 16), il-Kummissjoni hija kompetenti sabiex teżamina l-implimentazzjoni ta' ftehim tal-WTO li sar parti integrali mid-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn Stati Membri u istituzzjonijiet tal-Unjoni, iżda mhux f'dak tar-relazzjonijiet bejn Stat Membru u Stat terz.

62 Barra minn hekk, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-talba tal-Kummissjoni sa fejn din hija bbażata fuq ksur tal-GATS, din tippreġudika, permezz tal-interpretazzjoni awtonoma tagħha tal-artikoli tal-GATS u tal-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Ungerija, il-kompetenza esklużiva tal-membri tal-WTO u tal-korpi li jikkostitwixxu s-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-WTO sabiex jiġu interpretati l-ftehimiet tal-WTO, u dan bi ksur tal-Artikolu 216(2) TFUE, u dan b'hekk joħloq riskju li l-interpretazzjoni uniformi tal-GATS tiġi kompromessa.

63 Fil-fatt, ladarba l-eżistenza tan-nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mill-GATS hija kkonstatata mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati terzi ma jkollhomx iktar interess li jibdew proċedura fil-kuntest tas-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-WTO.

64 Il-Kummissjoni twieġeb, fl-ewwel lok, li, b'mod konformi mal-Artikolu 207(4) TFUE, il-kummerċ tas-servizzi ta' tagħlim jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni sa fejn dan huwa inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni. B'konsegwenza, billi jiżguraw l-osservanza tal-impenji li jirriżultaw mill-GATS, l-Istati Membri jissodisfaw obbligu fir-rigward tal-Unjoni, peress li din assumiet ir-responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tajba ta' dan il-ftehim.

65 Fit-tieni lok, b'mod konformi mal-Artikolu 216(2) TFUE, il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni jorbtu lill-Istati Membri. B'konsegwenza, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-61/94, EU:C:1996:313, punt 15), in-nuqqas ta' osservanza tagħhom minn dawn tal-aħħar jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni u jikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jista' jkun is-suġġett ta' rikors abbażi tal-Artikolu 258 TFUE.

66 F'dan il-każ, peress li l-GATS huwa ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni, hija għalhekk il-Kummissjoni li għandha tiżgura li l-Istati Membri josservaw l-obbligi internazzjonali li jirriżultaw minnu għall-Unjoni, u dan jippermetti b'mod partikolari li jiġi evitat impenn possibbli tar-responsabbiltà internazzjonali tal-Unjoni f'sitwazzjoni fejn jeżisti riskju li titressaq tilwima quddiem il-WTO.

67 L-eżistenza tas-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-WTO hija irrilevanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, minn naħa, l-Unjoni, bħala membru tal-WTO, hija obbligata tiżgura l-osservanza, fit-territorju tagħha, tal-obbligi tagħha skont ftehimiet tal-WTO. Min-naħa l-oħra, il-pajjiżi terzi la huma marbuta bir-riżoluzzjoni, fi ħdan l-Unjoni, ta' tilwimiet li jikkonċernaw l-obbligi internazzjonali li huma vinkolanti għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha, u lanqas bl-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti għal dawn l-obbligi internazzjonali.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

68 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, b'mod konformi mal-Artikolu 258 TFUE, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jista' jkollu bħala suġġett biss il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza ta' obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2002, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-13/00, EU:C:2002:184, punt 13).

69 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni, sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu, jagħmel parti integrali mid-dritt tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-30 ta' April 1974, Haegeman, 181/73, EU:C:1974:41, punti 5 u 6; tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et*, C-366/10, EU:C:2011:864, punt 73, kif ukoll Opinjoni 1/17 (Ftehim ECG UE-Kanada), tat-30 ta' April 2019, EU:C:2019:341, punt 117).

70 F'dan il-każ, il-Ftehim li Jistabbilixxi l-WTO, li jagħmel parti minnu l-GATS, ġie ffirmat mill-Unjoni, imbagħad approvat minnha, fit-22 ta' Diċembru 1994, bid-Deċiżjoni 94/800. Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

71 Isegwi li l-GATS jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni.

72 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-oġġezzjoni mqajma mill-Ungerija u msemmija fil-punt 59 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar li, b'mod konformi mal-Artikolu 3(1)(e) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni.

73 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-impenji meħuda fil-kuntest tal-GATS jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni (ara, f'dan is-sens, Opinjoni 2/15 (Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapor), tas-16 ta' Mejju 2017, EU:C:2017:376, punti 36 u 54).

74 Isegwi li, għalkemm mill-Artikolu 6(e) TFUE jirriżulta li l-Istati Membri għandhom kompetenza estiża fil-qasam tal-edukazzjoni, peress li f'dan il-qasam l-Unjoni għandha biss kompetenza "li tieħu azzjonijiet sabiex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri", l-impenji meħuda fil-kuntest tal-GATS, inklużi dawk li jikkonċernaw il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi ta' tagħlim privati, jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

75 Għalhekk, l-Ungerija hija żbaljata meta ssostni li huma l-Istati Membri kkonċernati li, fil-qasam tal-kummerċ tas-servizzi ta' tagħlim, huma kompetenti sabiex iwieġbu, individwalment, għan-nuqqas ta' osservanza possibbli tal-obbligi tagħhom skont il-GATS.

76 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-oġġezzjoni mqajma mill-Ungerija u esposta fil-punti 60 sa 63 ta' din is-sentenza, għandu jiġi enfasizzat li dan l-Istat Membru ma jikkontestax, b'mod ġenerali, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni, skont l-Artikolu 258 TFUE, ta' rikors intiż sabiex jiġi kkonstatat nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn ftehim internazzjonali li jorbot lill-Unjoni. Madankollu, l-Ungerija ssostni li hija l-partikolarità marbuta mal-eżistenza tas-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-WTO, applikabbli b'mod partikolari għall-obbligi tal-membri tal-WTO li jirriżultaw mill-GATS, li tipprekludi li l-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita din il-ġurisdizzjoni.

77 Issa, għandu jiġi rrilevat li din il-kwistjoni ma ġietx deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza dwar ir-relazzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni mad-dritt tal-WTO.

78 Fil-fatt, sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni kemm fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-validità ta' att ta' dritt sekondarju tal-Unjoni għal raġunijiet meħuda mill-inkompatibbiltà tiegħu mad-dritt tal-WTO (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2005, Van Parys, C-377/02, EU:C:2005:121, punti 1 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), kemm fil-kuntest tal-impenn possibbli tar-responsabbiltà mhux

kuntrattwali tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni tad-dritt għal kumpens għad-dannu subit (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punti 1 u 107).

79 B'mod partikolari, fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi ċċitati fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita b'deċiżjonijiet mogħtija mill-WTO li ma kinux favorevoli għall-Unjoni u kellha tiddeċiedi dwar diversi aspetti tal-eżekuzzjoni tagħhom, b'mod partikolari dak tal-invokabbiltà tad-dritt tal-WTO mill-individwi kkonċernati.

80 Issa, f'din il-kawża, minn naħa, il-Kummissjoni ssostni li ċerti dispożizzjonijiet leġiżlattivi adottati minn Stat Membru huma inkompatibbli mal-GATS, b'tali mod li dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq id-dritt tal-Unjoni li l-ftehim internazzjonali jagħmel parti integrali minnu. Min-naħa l-oħra, fl-assenza ta' deċiżjoni mogħtija mill-KRT li tiddikjara aġir tal-Unjoni jew ta' Stat Membru bħala inkompatibbli mad-dritt tal-WTO, il-kwistjoni ta' eventwali eżekuzzjoni tagħha ma tqumx.

81 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punt 66 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni ssostni li l-għan ta' din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa li jiġi evitat kull teħid tar-responsabbiltà internazzjonali tal-Unjoni f'sitwazzjoni fejn jeżisti riskju li titressaq tilwima quddiem il-WTO.

82 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Tilwim jippreċiża li s-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-WTO hija element essenzjali sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-prevedibbiltà tas-sistema kummerċjali multilaterali, li għandha l-għan li tippreżerva d-drittijiet u l-obbligi tal-Membri tal-WTO kif ukoll sabiex tiċċara d-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet b'mod konformi mar-regoli konswetudinarji ta' interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku.

83 B'mod iktar partikolari, skont l-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Tilwim, grupp speċjali huwa awtorizzat iwettaq evalwazzjoni oġġettiva tal-kwistjoni mressqa quddiemu, inkluża evalwazzjoni oġġettiva tal-fatti tal-kawża, tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet imsemmija rilevanti u tal-konformità ta' dawn il-fatti ma' dawn id-dispożizzjonijiet. Skont l-Artikolu 17(13) ta' dan il-ftehim, il-Korp tal-Appell jista' jikkonferma, jemenda jew jinvalida l-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' dan il-grupp speċjali, peress li l-kompetenza tiegħu hija limitata, skont l-Artikolu 17(6) tal-imsemmi ftehim, għall-kwistjonijiet ta' liġi koperti mir-relazzjoni tal-imsemmi grupp speċjali u għall-interpretazzjonijiet tad-dritt mogħtija minn dan tal-aħħar. Il-membri tal-WTO huma bħala prinċipju marbuta li jikkonformaw ruħhom immedjatament mar-rakkomandazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet tal-KRT, hekk kif dan jirriżulta mill-Artikolu 21(1) u (3) tal-istess ftehim.

84 Minn dawn l-elementi jirriżulta li, f'ċerti ċirkustanzi, l-istħarriġ imwettaq fil-kuntest tas-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-WTO jista' jwassal għal konstatazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt ta' din l-organizzazzjoni tal-miżuri meħuda minn membru tagħha u jista', b'mod definittiv, jistabbilixxi r-responsabbiltà internazzjonali tal-Unjoni, li hija membru tiegħu, minħabba fatt illeċitu.

85 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu XVI(4) tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-WTO, kull membru tal-WTO għandu l-obbligu, fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu, li jiżgura l-osservanza tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt tal-WTO fil-partijiet differenti tat-territorju tiegħu. Obbligu analogu huwa, barra minn hekk, previst fl-Artikolu I(3)(a) tal-GATS.

86 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-partikolarità tal-eżistenza tas-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim tal-WTO mhux biss ma taffettwax il-ġurisdizzjoni attribwita lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE, iżda l-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni huwa barra minn hekk għal kollox koerenti mal-obbligu ta' kull membru tal-WTO li jiżgura l-osservanza tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt ta' din l-organizzazzjoni.

87 Għandu wkoll jitfakkar li, b'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita, l-Unjoni għandha l-obbligu li teżerċita l-kompetenzi tagħha fir-rispett tad-dritt internazzjonali kollu kemm hu, inklużi mhux biss id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali li jorbtuha, iżda wkoll ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali ġenerali u konswetudinarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK, C-266/16, EU:C:2018:118, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Issa, qabelxejn, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 3 tal-artikoli dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal fatt internazzjonalment illeċitu, imfassla mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u li l-Assemblea Ġenerali ta' din l-organizzazzjoni ħadet nota tagħhom fir-Riżoluzzjoni 56/83 tagħha tat-12 ta' Diċembru 2001, li jikkodifikaw id-dritt internazzjonali konswetudinarju u huma applikabbli għall-Unjoni, il-klassifikazzjoni tal-fatt tal-Istat bħala "internazzjonalment illeċitu" taqa' biss taħt id-dritt internazzjonali. B'konsegwenza, din il-kwalifika ma tistax tiġi affettwata mill-klassifikazzjoni tal-istess fatt li ssir, jekk ikun il-każ, skont id-dritt tal-Unjoni.

89 F'dan ir-rigward, għalkemm il-Kummissjoni tenfasizza, ġustament, li l-evalwazzjoni tal-aġir li bih huwa akkużat l-Istat Membru kkonċernat li għandha ssir mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE ma torbotx lill-membri l-oħra tal-WTO, għandu jiġi osservat li tali evalwazzjoni lanqas ma taffettwa dik li tista' eventwalment tiġi adottata mill-KRT.

90 Sussegwentement, mill-Artikolu 32 tal-artikoli dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal fatt internazzjonalment illeċitu jirriżulta li l-Istat responsabbli ma jistax jinvoka d-dispożizzjonijiet tad-dritt intern tiegħu sabiex jiġġustifika nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tiegħu taħt id-dritt internazzjonali.

91 Minn dan jirriżulta b'mod partikolari li la l-Unjoni u lanqas l-Istat Membru kkonċernat ma jistgħu jinvokaw l-evalwazzjoni, fir-rigward tad-dritt tal-WTO, tal-aġir ta' dan tal-aħħar imwettqa mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, sabiex jirrifjutaw li jikkonformaw ruħhom mal-konsegwenzi legali previsti mid-dritt tal-WTO fil-każ fejn il-KRT jikkonstata n-nuqqas ta' konformità ta' dan l-aġir ma' dan id-dritt.

92 Fl-aħħar nett, bla ħsara tal-limiti miġjuba għall-invokabbiltà tad-dritt tal-WTO sabiex tiġi mistħarrġa l-legalità ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni quddiem il-qorti tal-Unjoni, imfakkra fil-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 78 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi rrilevat li l-prinċipju ta' dritt internazzjonali ġenerali ta' osservanza tal-impenji kuntrattwali (*pacta sunt servanda*), stabbilit fl-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq id-Dritt tat-Trattati, tat-23 ta' Mejju 1969 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1155, p. 331), jimplika li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tal-GATS, tieħu inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet differenti ta' dan il-ftehim li l-KRT kien adotta. Barra minn hekk, fl-ipoteżi fejn l-KRT ikun għadu ma interpretax id-dispożizzjonijiet ikkonċernati, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta dawn id-dispożizzjonijiet b'mod konformi mar-regoli konswetudinarji ta' interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni, fl-osservanza tal-prinċipju tal-eżekuzzjoni *in bona fide* ta' dan il-ftehim internazzjonali, li dan l-Artikolu 26 jistabbilixxi.

93 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-argument invokat mill-Ungerija u bbażat fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dak li jikkonċerna l-ilment ibbażat fuq ksur tal-GATS għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

C. Fuq il-mertu

1. Fuq ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti

94 Sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel ilment, għandha, qabel kollox, tiġi ppreċiżata l-portata tal-impenji tal-Ungerija fil-qasam tas-servizzi ta' edukazzjoni ogħla fir-rigward tar-regola tat-trattament nazzjonali li tinsab fl-Artikolu XVII tal-GATS, sussegwentement, li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti jbiddilx il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur fornituri nazzjonali ta' tali servizzi jew ta' servizzi li huma jipprovdu, bi ksur ta' din id-dispożizzjoni, u fl-aħħar nett, fl-affermattiv, li jiġu eżaminati l-argumenti tal-Ungerija intiżi sabiex din l-emenda tiġi ġġustifikata skont waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu XIV tal-GATS.

a) Fuq l-effetti li għandhom jingħataw lill-impenn tal-Ungerija, fir-rigward tas-servizzi ta' edukazzjoni ogħla, fir-rigward tar-regola tat-trattament nazzjonali li tinsab fl-Artikolu XVII tal-GATS

i) L-argumenti tal-partijiet

95 Il-Kummissjoni ssostni, l-ewwel nett, li l-inklużjoni tas-servizzi ta' edukazzjoni ogħla ffinanzjati privatament fl-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Ungerija u, f'dak li jikkonċerna l-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali, prevista fl-Artikolu I(2)(ċ) tal-GATS (iktar 'il quddiem il-"metodu ta' provvista 3"), l-użu tal-kliem "Bla restrizzjonijiet" fil-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali" imsemmija fl-Artikolu XVII ta' dan il-ftehim jimplikaw l-assenza ta' restrizzjoni fir-rigward ta' dan l-impenn u għaldaqstant, impenn integrali ta' dan l-Istat Membru f'dan ir-rigward.

96 Fit-tieni lok, din l-istituzzjoni ssostni li l-kundizzjoni, imsemmija mill-Ungerija fil-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq" imsemmija fl-Artikolu XVI tal-GATS, li tipprovdi li "[t]waqqif ta' skejjel huwa soġġett għal liċenzja minn awtoritajiet", ma tistax titqies li tikkonċerna wkoll ir-regola ta' trattament nazzjonali, skont l-Artikolu XX(2) tal-GATS.

97 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qabelxejn issostni li din il-kundizzjoni hija fformulata b'mod tant vag u tant ġenerali li tippermetti li l-kisba ta' din l-awtorizzazzjoni tiġi suġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni speċifika, bi ksur tal-formulazzjoni tal-Artikolu XX(1)(a) u (b) tal-GATS. Tali kundizzjoni, marbuta mal-kisba ta' awtorizzazzjoni preċedenti, hija barra minn hekk ta' natura li tikkompromett l-iskop tal-iskrizzjoni ta' impenji skont l-Artikoli XVI u XVII tal-GATS, kif stabbilita fit-tieni paragrafu tal-preambolu tal-GATS u li tikkonsisti li l-"kummerċ fis-servizzi […] jespandi taħt kondizzjonijiet ta' trasparenza u liberalizzazzjoni progressiva". Barra minn hekk, anki jekk jiġi preżunt li din il-kundizzjoni, imniżżla fil-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq", tapplika effettivament għat-trattament nazzjonali, din, kif ifformulata, ma tistax tinkludi r-rekwiżit speċifiku previst fl-Artikolu 76(1)(a) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, tant li l-Gvern Ungeriż u l-Gvern tal-Istat fejn tinsab is-sede tal-istabbiliment ta' edukazzjoni ogħla barrani jkunu taw il-kunsens tagħhom li jintrabtu minn konvenzjoni dwar is-sostenn ta' prinċipju mogħti lil dan l-istabbiliment fid-dawl tal-eżerċizzju eventwali minn dan l-istabbiliment ta' attività fl-Ungerija.

98 Sussegwentement, il-Kummissjoni ssostni li, b'mod konformi mal-linji gwida għall-istabbiliment tal-iskedi ta' impenji speċifiċi fil-kuntest tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS), adottati mill-Kunsill tal-Kummerċ fis-Servizzi tal-WTO fit-23 ta' Marzu 2001 (S/L/92), il-preskrizzjonijiet fil-qasam ta' awtorizzazzjoni ma jistgħux jitqiesu bħala limitazzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għas-suq skont l-Artikolu XVI tal-GATS. B'konsegwenza, l-Ungerija ma tistax tinħeba wara r-rekwiżit tal-ħruġ ta' awtorizzazzjoni preċedenti sabiex tiġi eskluża l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju tat-trattament nazzjonali.

99 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ssostni li dan ir-rekwiżit ma huwiex miżura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu XVI tal-GATS. Fil-fatt, l-Artikolu XVI(2) ta' dan il-ftehim jelenka b'mod eżawrjenti l-limitazzjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Issa, l-imsemmi rekwiżit ma jinsabx f'din l-iskeda u lanqas ma huwa simili għal waħda mill-miżuri li huma elenkati fiha.

100 Minn dan il-Kummissjoni tikkonkludi li, fir-rigward tal-metodu ta' provvista 3, l-Ungerija ntrabtet li tapplika, għall-forniturі ta' servizzi ta' pajjiżi terzi membri tal-WTO, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li dan l-Istat Membru jagħti lill-forniturі nazzjonali tiegħu.

101 L-Ungerija ssostni li, b'mod konformi mal-Artikolu XX(2) tal-GATS, il-kundizzjoni li hija inkludiet fil-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq", imsemmija fil-punt 96 ta' din is-sentenza, għandha wkoll effetti fir-rigward tal-obbligu ta' trattament nazzjonali.

102 Dan l-Istat Membru jsostni, barra minn hekk, li l-formulazzjoni, f'termini ġenerali, ta' din il-kundizzjoni tawtorizzah iżomm "sistema ta' liċenzja diskrezzjonali" li fir-rigward tagħha tista' jadatta liberament il-modalitajiet, jekk ikun meħtieġ billi tirrestrinġi l-istabbiliment ta' forniturі barranin, inkluż billi timponi l-konklużjoni minn qabel ta' konvenzjoni internazzjonali.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

103 L-ewwel nett, skont l-Artikolu XVII(1) tal-GATS kull membru tal-WTO għandu, fis-setturi inklużi fl-iskeda ta' impenji speċifiċi tiegħu u fid-dawl tal-kundizzjonijiet u tar-restrizzjonijiet li huma indikati fiha, jagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi ta' kull membru ieħor tal-WTO trattament mhux inqas favorevoli minn dak li jagħti lis-servizzi simili tiegħu stess u lill-forniturі ta' servizzi simili tiegħu stess.

104 Sussegwentement, b'mod konformi mal-Artikolu XVI(1) tal-GATS, f'dak li jikkonċerna l-aċċess għas-swieq skont il-metodi ta' provvista identifikati fl-Artikolu I tal-GATS, kull membru tal-WTO għandu l-obbligu li jagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi ta' kull membru ieħor tal-WTO trattament li ma jkunx inqas favorevoli minn dak li huwa previst skont modalitajiet, limitazzjonijiet u kundizzjonijiet miftiehma u speċifikati fl-iskeda ta' impenji speċifiċi tiegħu.

105 Fl-aħħar nett, l-Artikolu XX(1) tal-GATS jippreċiża li kull membru tal-WTO għandu jindika, fi skeda, l-impenji speċifiċi li huwa jintrabat għalihom skont il-Parti III tal-GATS, li taħtha jaqgħu b'mod partikolari l-Artikoli XVI u XVII. F'dak li jirrigwarda s-setturi li għalihom jittieħdu dawn l-impenji, kull skeda għandha tippreċiża l-modalitajiet, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għas-swieq kif ukoll il-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fil-qasam ta' trattament nazzjonali. Dawn l-iskedi ta' impenji speċifiċi jagħmlu parti integrali mill-GATS.

106 Konsegwentement, mill-Artikoli XVI, XVII u XX tal-GATS jirriżulta li l-iskeda ta' impenji speċifiċi proprja għal membru tal-WTO tippreċiża l-impenji li dan ikun ħa skont is-settur u skont il-metodu ta' provvista. Tali skeda tippreċiża, b'mod partikolari, il-modalitajiet, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet relatati mal-"Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq" kif ukoll il-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet dwar il-"Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali". Dawn il-preċiżazzjonijiet huma s-suġġett ta' żewġ kolonni distinti.

107 Barra minn hekk, b'mod konformi mal-Artikolu XX(2) tal-GATS, il-miżuri inkompatibbli kemm mal-Artikolu XVI u kemm mal-Artikolu XVII tal-GATS għandhom, f'xewqa ta' semplifikazzjoni, jitniżżlu fl-unika kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq" tal-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-membru kkonċernat, peress li l-inklużjoni unika kienet għalhekk ikkunsidrata bħala li tintroduċi wkoll b'mod impliċitu kundizzjoni jew restrizzjoni fil-qasam ta' trattament nazzjonali (ara

r-rapport tal-grupp speċjali tal-WTO tas-16 ta' Lulju 2012, intitolat "Ċina – Ċerti miżuri li jaffettwaw is-servizzi ta' ħlas elettroniku" (WT/DS 413/R), adottat mill-KRT fil-31 ta' Awwissu 2012, paragrafu 7.658).

108 Isegwi li kundizzjoni formalment imniżżla unikament skont l-Artikolu XVI tal-GATS ma tippermettix li ssir deroga mill-obbligu ta' trattament nazzjonali previst fl-Artikolu XVII ħlief fl-ipoteżi fejn it-tip ta' miżuri li hija tintroduċi jmur kontra kemm l-obbligu previst fl-Artikolu XVI u f'dak previst fl-Artikolu XVII tal-GATS (ara r-rapport tal-grupp speċjali tal-WTO, tas-16 ta' Lulju 2012, intitolat "Ċina - Ċerti miżuri li jaffettwaw is-servizzi ta' ħlas elettroniku" (WT/DS 413/R), adottat mill-KRT fil-31 ta' Awwissu 2012, paragrafu 7.658).

109 F'dan il-każ, l-iskeda ta' impenji speċifiċi adottata mill-Ungerija (GATS/SC/40, tal-15 ta' April 1994) tinkludi, fil-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq", fir-rigward tas-servizzi ta' edukazzjoni ogħla (Higher Education Services) ipprovduti permezz ta' preżenza kummerċjali, il-kundizzjoni li l-ħolqien ta' skejjel huwa suġġett għall-għoti ta' awtorizzazzjoni preċedenti mill-awtoritajiet ċentrali.

110 Il-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali" tinkludi r-riferiment "Bla restrizzjonijiet", fir-rigward tat-taqsima sussidjarja tas-servizzi ta' edukazzjoni ogħla.

111 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi stabbilit jekk il-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' awtorizzazzjoni preċedenti, imsemmija fil-punt 109 ta' din is-sentenza, inkluża fil-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq", hijiex applikabbli wkoll jew le għall-obbligu ta' trattament nazzjonali previst fl-Artikolu XVII tal-GATS.

112 F'dan ir-rigward, mill-portata tar-regola ta' semplifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu XX(2) tal-GATS, kif ippreċiżata fil-punt 108 ta' din is-sentenza, jirriżulta li kundizzjoni tista' tibbenefika mill-imsemmija regola u, għaldaqstant, tapplika wkoll għall-Artikolu XVII tal-GATS, biss jekk tkun ta' natura diskriminatorja.

113 Issa, hemm lok li jiġi rrilevat li, hekk kif jirriżulta mill-formulazzjoni stess tal-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' awtorizzazzjoni preċedenti, din il-kundizzjoni hija intiża li tkopri l-istabbilimenti ta' tagħlim kollha, indipendentement mill-oriġini tagħhom, b'tali mod li ma tinkludi ebda aspett diskriminatorju. Għaldaqstant, ir-regola prevista fl-Artikolu XX(2) tal-GATS ma tistax tapplika f'dan il-każ. Isegwi li l-imsemmija kundizzjoni ma tippermettix lill-Ungerija tinvoka deroga mill-obbligu ta' trattament nazzjonali previst fl-Artikolu XVII tal-GATS.

114 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ġustament issostni li l-inklużjoni mill-Ungerija ta' servizzi ta' edukazzjoni ogħla ffinanzjati privatament fl-iskeda ta' impenji speċifiċi tagħha u, f'dak li jikkonċerna l-metodu ta' provvista 3, l-inklużjoni tal-kelma "bla restrizzjoni" fil-kolonna dwar il-"Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali", jimplikaw l-assenza ta' restrizzjoni għall-impenji ta' dan l-Istat Membru skont l-Artikolu XVII tal-GATS fir-rigward ta' dawn is-servizzi.

b) Fuq il-bidla tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur forniturі nazzjonali simili

i) L-argumenti tal-partijiet

115 Il-Kummissjoni ssostni li, sa fejn l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż membru tal-WTO differenti minn dawk taż-ŻEE jistgħu jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni ogħla fl-Ungerija biss sa fejn l-Istat fejn tinsab is-sede tagħhom ikun ikkonkluda konvenzjoni internazzjonali minn qabel mal-Gvern Ungeriż, il-leġiżlazzjoni Ungeriża tirriżerva lil dawn il-forniturі ta' servizzi

trattament inqas favorevoli minn dak li jibbenefikaw minnu kemm il-forniturі simili Ungeriżi kif ukoll dawk stabbiliti fi Stat taż-ŻEE, bi ksur tal-obbligu ta' trattament nazzjonali previst fl-Artikolu XVII tal-GATS.

116 Filwaqt li tirreferi għall-formulazzjoni tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, il-Kummissjoni żżid li l-Gvern Ungeriż għandu setgħa diskrezzjonali f'dak li jirrigwarda l-kontenut ta' din il-konvenzjoni u d-deċiżjoni li jinbdew negozjati bil-għan li tiġi konkluża. B'konsegwenza, huwa possibbli li dan il-gvern jirrifjuta, anki għal raġunijiet arbitrarji, li jikkonkludi tali konvenzjoni minkejja li l-Istat fejn tinsab is-sede tal-fornitur ta' servizzi jkun dispost li jikkonkludiha.

117 L-Ungerija ssostni li l-għan ewlieni tar-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti huwa li jiġu intensifikati l-isforzi diplomatiċi fil-qasam ta' politika kulturali. Il-Gvern Ungeriż iddikjara ruħu lest, diversi drabi, li jibda negozjati u jagħmel dak kollu li jista' sabiex jiżgura li dawn ikunu jistgħu jitlestew. Il-firem ta' żewġ konvenzjonijiet, waħda mal-Istat tal-Maryland (l-Istati Uniti) u l-oħra mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li seħħew wara l-emenda tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, jipproduċu l-prova li l-miżura adottata ma tikkostitwixxix kundizzjoni li huwa impossibbli li tiġi ssodisfatta.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

118 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li r-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti, li jeħtieġ il-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Ungerija u Stat ieħor, li ma jagħmilx parti miż-ŻEE, jista' jaffettwa biss, fi kwalunkwe każ, ċerti forniturі barranin. Peress li dan ir-rekwiżit jimponi fuq dawn il-forniturі barranin kundizzjoni supplimentari sabiex jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni ogħla fl-Ungerija meta mqabbla ma' dawk applikabbli għall-forniturі ta' servizzi simili stabbiliti f'dan l-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor taż-ŻEE, l-imsemmi rekwiżit jintroduċi trattament formalment differenti ta' dawn il-kategoriji ta' forniturі, fis-sens tal-Artikolu XVII(3) tal-GATS.

119 B'mod konformi ma' din id-dispożizzjoni, għandu għalhekk jiġi ddeterminat jekk ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti, billi jintroduċi trattament formalment differenti, ibiddilx il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur forniturі ta' servizzi ta' edukazzjoni ogħla stabbiliti fl-Ungerija, jew ta' servizzi li jipprovdu.

120 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li dan ir-rekwiżit, kif ifformulat fl-Artikolu 76(1)(a) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, jimplika li l-Ungerija għandha setgħa diskrezzjonali, kemm fir-rigward tal-opportunità li tikkonkludi tali konvenzjoni kif ukoll fir-rigward tal-kontenut ta' din tal-aħħar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà għall-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż Membru tal-WTO minbarra dawk taż-ŻEE, li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fit-territorju Ungeriż hija kompletament suġġetta għas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet Ungeriżi.

121 Minn dan jirriżultaw żvantaġġi kompetittivi għall-forniturі ta' servizzi li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru tal-WTO li ma jappartjenux għaż-ŻEE, b'tali mod li r-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti jibdel il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur forniturі Ungeriżi, bi ksur tal-Artikolu XVII tal-GATS.

2) Fuq il-ġustifikazzjoni skont l-Artikolu XIV tal-GATS

i) L-argumenti tal-partijiet

122 L-Ungerija ssostni li r-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti huwa neċessarju għall-finijiet li jinżamm l-ordni pubbliku u għall-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa. Fil-fatt, dan ir-rekwiżit jippermetti li jiġi żgurat li l-Istat fejn tinsab is-sede tal-istabbiliment ikkonċernat iqis lil dan

il-fornitur bħala "denju ta' fiduċja" u jipprovdi l-appoġġ tiegħu għall-attività futura fl-Ungerija ta' dan l-istabbiliment. Barra minn hekk, l-imsemmi rekwiżit jippermetti li jiġi żgurat li l-istabbiliment ikkonċernat josserva l-leġiżlazzjoni tal-Istat li fih tinsab is-sede u li, jekk ikun il-każ, jimponi l-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet sabiex tkun tista' tiġi eżerċitata attività fl-Ungerija.

123 Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jsostni li ma teżistix soluzzjoni alternattiva, kompatibbli mar-regoli tal-WTO, li tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet previsti mil-leġiżlatur Ungeriż.

124 B'mod partikolari, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, ma huwiex realistiku li l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tiġi applikata għall-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin ikkonċernati bl-istess mod bħall-istabbilimenti Ungeriżi.

125 Il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti ma huwa ġġustifikat taħt ebda waħda mill-eċċezzjonijiet awtorizzati mill-GATS, b'mod partikolari dawk previsti fl-Artikolu XIV(a) u (ċ)(i) u (ii) tiegħu.

126 F'dan ir-rigward, l-Ungerija ma pproduċiet, b'mod iktar partikolari, l-ebda prova li tippermetti li tissostanzja l-affermazzjoni tagħha li dan ir-rekwiżit jikkontribwixxi għaż-żamma tal-ordni pubbliku, u lanqas ma spjegat, f'dan il-kuntest, fhiex tikkonsisti t-theddida ġenwina u suffiċjentement serja li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà Ungeriża, u lanqas ma ppreċiżat, barra minn hekk, kif l-imsemmi rekwiżit jista' jirriżulta neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan taż-żamma tal-ordni pubbliku jekk jiġi preżunt li dan ġie stabbilit, u għaliex ma teżistix, f'dan il-każ, soluzzjoni alternattiva inqas restrittiva.

127 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li, minħabba s-setgħa diskrezzjonali li l-Ungerija għandha sabiex tibda negozjati mal-Istat fejn tinsab is-sede ta' stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla barranija, l-istess rekwiżit ma josservax, fi kwalunkwe każ, il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu XIV tal-GATS li l-miżuri eventwalment ġustifikabbli fir-rigward ta' dan l-artikolu ma għandhomx jiġu "applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u mhux ġustifikabbli bejn il-pajjiżi fejn jipprevalu kondizzjonijiet simili, jew restrizzjoni fuq il-kummerċ fis-servizzi moħbija".

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

128 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu XIV tal-GATS jipprevedi b'mod partikolari, fil-punt (a) u fil-punt(ċ)(i) tiegħu, li ebda dispożizzjoni ta' dan il-ftehim ma għandha titqies bħala li tipprekludi l-adozzjoni jew l-applikazzjoni ta' miżuri neċessarji, minn naħa, għall-protezzjoni tal-moralità pubblika jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku u, min-naħa l-oħra, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-liġijiet jew tal-leġiżlazzjonijiet li ma humiex inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi ftehim, inklużi dawk relatati mal-prevenzjoni ta' prattiki ta' natura li jwasslu għal żball u frawdolenti jew għall-mezzi li jiġu rrimedjati l-effetti ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi għal kuntratti ta' servizzi.

129 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi rrilevat li ż-żewġ għanijiet invokati mill-Ungerija, jiġifieri, minn naħa, dak dwar iż-żamma tal-ordni pubbliku u, min-naħa l-oħra, dak dwar il-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa, huma effettivament previsti fil-GATS.

130 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżami tan-natura ġġustifikata tar-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti fir-rigward tal-għan taż-żamma tal-ordni pubbliku, in-nota ta' qiegħ il-paġna nru 5, imdaħħla taħt l-Artikolu IV(a) tal-GATS tippreċiża li "[l]-eċċezzjoni ta' l-ordni pubblika tista' tkun invokata biss fejn theddida ġenwina u serja biżżejjed tkun magħmula fuq wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetá".

131 Issa, l-Ungerija ma ppreżentat ebda argument ta' natura li jistabbilixxi, b'mod konkret u ddettaljat, kif l-eżerċizzju, fit-territorju tagħha, ta' attività ta' edukazzjoni ogħla minn stabbilimenti li għandhom is-sede tagħhom fi Stat li ma jagħmilx parti miż-ŻEE jikkostitwixxi, fl-assenza ta' tali konvenzjoni, theddida ġenwina u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà Ungeriża.

132 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li r-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti ma jistax jiġi ġġustifikat mill-argument tal-Ungerija dwar iż-żamma tal-ordni pubbliku.

133 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-għan ta' prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa, mill-argumenti tal-Ungerija f'dan ir-rigward, miġbura fil-qosor fil-punt 122 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-Ungerija tidher li tqis li l-konklużjoni minn qabel ta' konvenzjoni internazzjonali hija neċessarja sabiex tinkiseb, min-naħa tal-Istat terz ikkonċernat, il-garanzija li l-istabbiliment ta' edukazzjoni ogħla barrani kkonċernat huwa affidabbli u b'hekk għall-prevenzjoni li jkun hemm riskji f'dan ir-rigward.

134 Madankollu, dan l-argument ma jistax jiġġustifika rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti.

135 Fil-fatt, l-Artikolu XIV tal-GATS jipprevedi li l-eċċezzjonijiet li huwa jelenka ma jistgħux jiġu applikati b'mod li jikkostitwixxu jew mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-pajjiżi fejn jeżistu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ tas-servizzi.

136 Issa, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif l-Avukat Ġenerali essenzjalment irrilevat fil-punti 119 u 120 tal-konklużjonijiet tagħha, li r-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti jippermetti lill-Ungerija li tipprekludi b'mod arbitrarju d-dħul ta' stabbiliment fis-suq tagħha jew it-tkomplija tal-attivitajiet ta' stabbiliment f'dan is-suq, peress li l-konklużjoni ta' tali konvenzjoni u, għaldaqstant, is-sodisfazzjon ta' dan ir-rekwiżit jiddependu *in fine* biss mir-rieda politika ta' dan l-Istat Membru. L-imsemmi rekwiżit huwa distint b'mod fundamentali permezz ta' kundizzjoni li tgħid li l-affidabbiltà ta' stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla għandha tiġi kkonfermata permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali tal-gvern tal-Istat terz li fih ikollu s-sede tiegħu.

137 Min-naħa l-oħra, sa fejn tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin li kienu diġà preżenti fis-suq Ungeriż, ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti ma huwiex, fi kwalunkwe każ, proporzjonat peress li l-għan li jikkonsisti fil-prevenzjoni tal-prattiki qarrieqa jista' jintlaħaq b'mod iktar effikaċi billi jiġu kkontrollati l-attivitajiet ta' tali stabbilimenti fl-Ungerija u, jekk ikun il-każ, billi jiġi pprojbit it-tkomplija ta' dawn l-attivitajiet biss għal dawk fosthom li fir-rigward tagħhom seta' jiġi stabbilit li huma kienu adottaw tali prattiki.

138 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti ma jistax jiġi ġġustifikat bl-argument tal-Ungerija bbażat fuq il-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa.

139 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(a) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-GATS.

2. Fuq ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat

a) Fuq l-Artikolu XVII tal-GATS

140 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, li huwa s-suġġett tal-ilment tal-Kummissjoni, jimponi fuq l-istabbiliment ta' edukazzjoni ogħla barrani li jixtieq jeżerċita attività fl-Ungerija li huwa jipprovdi taħriġ fl-Istat fejn għandu s-sede tiegħu, kemm jekk dan l-Istat ikun Stat Membru jew Stat terz u, min-naħa l-oħra, li l-argument ippreżentat mill-Kummissjoni insostenn ta' dan l-ilment jirrigwarda r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat

tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat mingħajr ma ssir distinzjoni skont jekk dan ir-rekwiżit japplikax għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru jew fi Stat terz. Madankollu, peress li, hekk kif jirriżulta minn dak li ġie espost fil-punt 73 ta' din is-sentenza, l-Artikolu XVII tal-GATS jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni, din id-dispożizzjoni hija rilevanti għall-finijiet tal-eżami ta' dan l-ilment biss sa fejn l-imsemmi rekwiżit japplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat terz membru tal-WTO.

141 Peress li l-portata tal-impenji tal-Ungerija skont l-Artikolu XVII tal-GATS, fir-rigward tas-servizzi ta' edukazzjoni ogħla, ġiet ippreċiżata fil-punt 114 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi eżaminat jekk ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat, sa fejn dan huwa Stat terz membru tal-WTO, ibiddilx il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur fornituri nazzjonali simili jew servizzi li jipprovdu, bi ksur ta' din l-istess dispożizzjoni, u, f'każ ta' tweġiba affermattiva, li jiġu eżaminati l-argumenti tal-Ungerija intiżi li jiġġustifikaw din l-emenda skont waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu XIV tal-GATS.

1) Fuq il-bidla tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur fornituri nazzjonali simili

i) L-argumenti tal-partijiet

142 Il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat jibdel il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni favur il-fornituri nazzjonali u, għaldaqstant, li dan imur kontra l-obbligu ta' trattament nazzjonali li l-Ungerija hija obbligata tosserva b'mod sħiħ skont l-Artikolu XVII tal-GATS.

143 B'mod iktar partikolari, il-Kummissjoni ssostni li l-GATS ma jissuġġettax ir-rikonoxximent tal-kwalità ta' fornitur li jibbenefika mid-drittijiet iggarantiti minn dan il-ftehim għall-kundizzjoni li jiġu pprovduti servizzi fil-pajjiż ta' oriġini. Għaldaqstant, sa fejn dan ir-rekwiżit għandu l-effett li jipprekludi lill-fornituri ta' servizzi barranin milli inizjalment joħolqu stabbiliment fl-Ungerija, dan ikun diskriminatorju fir-rigward tagħhom.

144 L-Ungerija tirreferi, *mutatis mutandis*, għall-argumenti li hija żviluppat fir-rigward tar-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

145 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-punt 114 ta' din is-sentenza, l-Ungerija impenjat ruħha, skont l-Artikolu XVII tal-GATS, li tiżgura trattament nazzjonali sħiħ fir-rigward tal-preżenza kummerċjali ta' fornituri ta' servizzi ta' edukazzjoni ogħla.

146 Issa, għandu jiġi rrilevat li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat jirrigwarda b'mod speċifiku l-fornituri li għandhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż.

147 Konsegwentement, għandu jiġi ddeterminat jekk ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat, billi jiġi introdott dan it-trattament formalment differenti, ibiddilx il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni favur fornituri Ungeriżi jew servizzi li huma jipprovdu meta pparagunati mal-fornituri ta' servizzi simili li għandhom is-sede tagħhom f'kull Stat terz membru tal-WTO jew servizzi li dawn tal-aħħar jipprovdu.

148 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-fornituri ta' servizzi ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat terz membru tal-WTO u li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fl-Ungerija huma obbligati li joħolqu minn qabel stabbiliment f'dan l-Istat terz u li jipprovdu effettivament fih taħriġ ta' edukazzjoni ogħla.

149 Minn dan jirriżulta żvantaġġ kompetittiv għall-fornituri ta' servizzi barranin ikkonċernati, tant li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat jibdel il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur fornituri Ungeriżi simili.

2) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni

i) L-argumenti tal-partijiet

150 Sabiex tiġġustifika tali bidla fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, l-Ungerija tinvoka, minn naħa, l-għan taż-żamma tal-ordni pubbliku u, min-naħa l-oħra, dak tal-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa.

151 Il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ma huwa ġustifikabbli abbażi ta' ebda wieħed minn dawn l-għanijiet. Hija ssostni, b'mod iktar partikolari, li l-Ungerija ma pprovdiet ebda element li jippermetti li tiġi sostnuta l-affermazzjoni tagħha li dan ir-rekwiżit jikkontribwixxi għaż-żamma tal-ordni pubbliku, u lanqas ma spjegat fhiex tikkonsisti t-theddida ġenwina u suffiċjentement serja fuq wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà Ungeriża, u lanqas, barra minn hekk, ma ppreċiżat kif l-imsemmi rekwiżit jista' jirriżulta neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan taż-żamma tal-ordni pubbliku jekk wieħed jissoponi li dan huwa l-każ, u għaliex ma teżistix, f'dan il-każ, soluzzjoni alternattiva inqas restrittiva.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

152 Hekk kif jirriżulta mill-punti 128 u 129 ta' din is-sentenza, iż-żewġ għanijiet invokati mill-Ungerija, jiġifieri, minn naħa, dak marbut maż-żamma tal-ordni pubbliku u, min-naħa l-oħra, dak marbut mal-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa, huma effettivament imsemmija, rispettivament, fl-Artikolu XIV(a) u fl-Artikolu XIV(ċ)(i) tal-GATS.

153 F'dan ir-rigward, l-Ungerija tirreferi, mingħajr ma tissostanzjahom iktar, għall-argumenti tagħha dwar ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti.

154 Issa, għandu jiġi rrilevat li l-Ungerija, b'dan il-mod, ma ppreżentat ebda argument ta' natura li jistabbilixxi, b'mod konkret u ddettaljat, kif l-eżerċizzju, fit-territorju tagħha, ta' attività ta' edukazzjoni ogħla minn stabbilimenti li għandhom is-sede tagħhom fi Stat li ma jagħmilx parti miż-ŻEE jikkostitwixxi, fl-assenza ta' għoti minn tali stabbilimenti ta' taħriġ fl-Istat tas-sede tagħhom, theddida ġenwina u suffiċjentement serja li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà Ungeriża li tippermetti lil dan l-Istat Membru li jinvoka ġustifikazzjoni intiża sabiex jinżamm l-ordni pubbliku.

155 Bl-istess mod, billi għalhekk sempliċement irreferiet għall-argument tagħha dwar ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali preċedenti, l-Ungerija ma pprovdiet ebda element konkret li jista' juri kif ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat huwa neċessarju għall-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa.

156 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li, billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija, sa fejn din id-dispożizzjoni tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat terz membru tal-WTO, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-GATS.

b) Fuq l-Artikolu 49 TFUE

1) Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 49 TFUE

i) L-argumenti tal-partijiet

157 L-Ungerija ssostni, prinċipalment, li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "attività ekonomika", fis-sens tat-Trattat FUE, it-taħriġ ipprovdut minn stabbilimenti ta' edukazzjoni ffinanzjati, essenzjalment, minn fondi privati meta, bħalma huwa l-każ fir-rigward tas-CEU, huwa l-fornitur ta' servizzi nnifsu li jiffinanzja l-attività ta' tagħlim. Isegwi li l-Artikolu 49 TFUE ma japplikax f'dan il-każ.

158 Il-Kummissjoni ssostni, għall-kuntrarju, li s-servizzi ta' edukazzjoni ogħla pprovduti bi ħlas minn stabbilimenti privati jikkostitwixxu "servizzi", fis-sens tat-Trattat FUE. B'konsegwenza, l-istabbilimenti privati li jeżerċitaw fl-Ungerija b'mod stabbli u kontinwu attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka xjentifika jistgħu jinvokaw id-dritt għal-libertà ta' stabbiliment, skont l-Artikolu 49 TFUE.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

159 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 TFUE jipprovdi li, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment taċ-ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandhom jiġu projbiti.

160 F'dan ir-rigward, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-organizzazzjoni, bi ħlas, ta' kors ta' edukazzjoni ogħla hija attività ekonomika li taqa' taħt dan il-Kapitolu 2 meta titwettaq minn ċittadin ta' Stat Membru fi Stat Membru ieħor, b'mod stabbli u kontinwu, minn stabbiliment prinċipali jew sekondarju f'dan l-aħħar Stat Membru (sentenza tat-13 ta' Novembru 2003, Neri, C-153/02, EU:C:2003:614, punt 39).

161 F'dan il-każ, l-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla huwa applikabbli għall-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla, mingħajr ma ssir ebda distinzjoni skont jekk dawn l-istabbilimenti jagħtux it-taħriġ li jwassal għal diploma tagħhom bi ħlas jew le.

162 Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li taqa' taħt il-libertà ta' stabbiliment sitwazzjoni li fiha kumpannija kkostitwita skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li fih ikollha s-sede statutorja tagħha tkun tixtieq toħloq fergħa fi Stat Membru ieħor, minkejja li din il-kumpannija tkun ġiet ikkostitwita, fl-ewwel Stat Membru, bil-għan biss li tistabbilixxi ruħha fit-tieni Stat Membru fejn hija kienet teżerċita l-attivitajiet ekonomiċi essenzjali, jekk mhux kollha, tagħha (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo, C-106/16, EU:C:2017:804, punt 38).

163 B'konsegwenza, ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat jaqa' taħt l-Artikolu 49 TFUE sa fejn dan ir-rekwiżit japplika għal stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla li għandu s-sede tiegħu fi Stat Membru li ma huwiex l-Ungerija u li jagħti taħriġ bi ħlas f'dan l-aħħar Stat.

2) Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni

i) L-argumenti tal-partijiet

164 Skont il-Kummissjoni, jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE, ir-rekwiżit li l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla kkonċernati għandhom, skont l-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, jissodisfaw kundizzjonijiet speċifiċi fl-Istat Membru tas-sede tagħhom sabiex ikunu jistgħu joħolqu stabbiliment ieħor fl-Ungerija.

165 B'mod partikolari, Stat Membru ma jistax jirrifjuta l-benefiċċju tal-vantaġġi marbuta mal-libertà ta' stabbiliment lil entità ġuridika minħabba li din ma teżerċita ebda attività ekonomika fl-Istat Membru fejn ġiet ikkostitwita.

166 L-Ungerija ssostni, sussidjarjament, li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ma jirrestringix il-libertà ta' stabbiliment. Fil-fatt, dan ir-rekwiżit huwa marbut mal-eżerċizzju ta' attività, u mhux mal-kostituzzjoni ta' kumpanniji. B'mod partikolari, dan ma jippermettix lil stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla barrani milli joħloq, pereżempju, fil-kuntest ta' stabbiliment sekondarju, fergħa fl-Ungerija. Dan lanqas ma jillimita l-għażla tal-forma ġuridika tal-istabbiliment u jipprevedi biss, fir-rigward tal-forniturи ta' servizzi diġà stabbiliti fl-Ungerija permezz ta' stabbiliment sekondarju, kundizzjoni marbuta mal-eżerċizzju ta' attività ta' edukazzjoni ogħla.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

167 B'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kull miżura li tipprojbixxi, timpedixxi jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà għandha titqies bħala restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment (sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-38/10, EU:C:2012:521, punt 26).

168 F'dan il-każ, l-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla jeżiġi li l-forniturи ta' servizzi kkonċernati li jixtiequ jipprovdu fl-Ungerija servizzi ta' edukazzjoni ogħla permezz ta' stabbiliment fiss li effettivament jipprovdi taħriġ ta' edukazzjoni ogħla fl-Istat fejn ikollhom is-sede tagħhom.

169 Issa, tali rekwiżit huwa ta' natura li jagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment fl-Ungerija għaċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fl-Ungerija sabiex jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni ogħla hemmhekk.

170 B'konsegwenza, ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE.

3) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni

i) L-argumenti tal-partijiet

171 L-Ungerija ssostni l-ewwel nett li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat huwa neċessarju għall-finijiet li jinżamm l-ordni pubbliku u għall-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa. Barra minn hekk, dan ir-rekwiżit huwa neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tal-offerta ta' tagħlim mill-istabbilimenti kkonċernati fl-Ungerija, iktar u iktar peress li d-diplomi maħruġa minn dawn tal-aħħar huma dokumenti uffiċjali li jipproduċu effetti legali.

172 Dan l-Istat Membru sussegwentement isostni li l-imsemmi rekwiżit huwa mezz li jippermetti li tiġi ggarantita b'mod xieraq l-osservanza ta' tali għanijiet sa fejn l-awtorità kompetenti tkun għalhekk fil-pożizzjoni li tkun konvinta li teżisti attività reali u legali fil-pajjiż tas-sede tal-fornitur tas-servizzi, u dan bil-għan li tiġi ggarantita edukazzjoni universitarja ta' livell għoli ta' kwalità fl-Ungerija.

173 Madankollu, l-Ungerija tosserva li l-awtoritajiet tagħha, fil-prattika, sempliċement jeżaminaw l-attività ta' edukazzjoni ogħla, id-diplomi diġà maħruġa, it-taħriġ iċċertifikat minn dawn id-diplomi, jiġifieri l-kundizzjonijiet u l-programm ta' tagħlim, kif ukoll il-kwalifika tal-korp ta' tagħlim li jiżgura dan it-tagħlim.

174 Fl-aħħar nett, ma teżistix miżura inqas restrittiva, peress li l-għan li jikkonsisti li jiġi ggarantit taħriġ ta' edukazzjoni ogħla ta' livell għoli jista' jitwettaq biss billi tiġi eżaminata l-attività eżerċitata fl-Istat li fih l-istabbiliment għandu s-sede tiegħu. Fi kwalunkwe każ, sa fejn l-edukazzjoni ogħla ma kinitx is-suġġett ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom marġni ta' manuvra sinjifikattiva f'dan ir-rigward.

175 Il-Kummissjoni ssostni l-ewwel nett li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ma huwa ta' natura li jissodisfa ebda wieħed mill-għanijiet invokati mill-Ungerija. Fil-fatt, l-Ungerija ma invokat ebda argument konvinċenti fir-rigward tal-motivi li għalihom dan ir-rekwiżit huwa ġġustifikat u proporzjonat fir-rigward ta' tali għanijiet, u lanqas ma indikat fhiex kienu jikkonsistu l-abbużi li dan ir-rekwiżit jippermetti li jiġu preklużi.

176 Il-Kummissjoni ssostni, b'mod partikolari, li l-imsemmi rekwiżit huwa inadegwat sa fejn il-livell ta' kwalità tal-edukazzjoni mogħtija fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ma jipprovdi ebda indikazzjoni dwar il-kwalità tas-servizz ipprovdut fl-Ungerija. Barra minn hekk, jekk l-għan tagħha kien verament li tipprevjeni l-frodi u l-abbużi, l-Ungerija kellha tadotta regoli speċifiċi f'dan ir-rigward.

177 Fl-aħħar nett, ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat huwa sproporzjonat. Fil-fatt, l-iskambju ta' informazzjoni mal-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità u/jew tal-akkreditament tal-Istat tas-sede tal-istabbiliment ta' edukazzjoni kkonċernat, kif isostnu l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità li tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ (ĠU 2014, C 183, p. 30), u l-kooperazzjoni msaħħa fi ħdan iż-ŻEE bejn awtoritajiet tal-edukazzjoni ogħla jikkostitwixxu soluzzjonijiet alternattivi inqas restrittivi.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

178 Hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tista' tiġi aċċettata biss bil-kundizzjoni, fl-ewwel lok, li tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u, fit-tieni lok, li jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jimplika li din tkun xierqa sabiex tiggarantixxi, b'mod koerenti u sistematiku, it-twettiq tal-għan li għandu jintlaħaq u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (sentenza tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-179/14, EU:C:2016:108, punt 166).

179 Barra minn hekk, huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu juri li dawn il-kundizzjonijiet kumulattivi huma ssodisfatti (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva), C-78/18, EU:C:2020:476, punt 77).

180 F'dan il-każ, l-Ungerija tinvoka, fl-ewwel lok, in-neċessità li jinżamm l-ordni pubbliku.

181 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabelxejn li, fil-kuntest tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattati, ir-raġunijiet ta' ordni pubbliku jistgħu jiġu invokati biss fil-preżenza ta' theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà (sentenza tad-19 ta' Ġunju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-319/06, EU:C:2008:350, punt 50).

182 Issa, l-Ungerija sempliċement tiddikjara li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat jippermetti lill-awtorità kompetenti li tkun konvinta li teżisti attività reali u legali fil-pajjiż tas-sede tal-fornitur ta' servizzi kkonċernat. Hekk kif dan ġie rrilevat fil-punt 154 ta' din is-sentenza, hija ma ppreżentat ebda argument ta' natura li jistabbilixxi, b'mod konkret u ddettaljat, kif l-eżerċizzju, fit-territorju tagħha, ta' attività ta' edukazzjoni ogħla minn tali stabbilimenti jikkostitwixxi, fin-nuqqas ta' osservanza ta' dan ir-rekwiżit, theddida ġenwina, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà Ungeriża.

183 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-eżistenza ta' tali theddida ma hijiex stabbilita f'dan il-każ.

184 Fit-tieni lok, l-Ungerija tinvoka l-għan li jikkonsisti fil-prevenzjoni tal-prattiki qarrieqa. Mingħajr ma jsostni iktar l-argument tiegħu, dan l-Istat Membru jidher li jikkunsidra li l-aċċess tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin għas-suq Ungeriż jinvolvi r-riskju li tali prattiki jiġu żviluppati.

185 Issa, billi tibbaża ruħha fuq preżunzjoni ġenerali, l-Ungerija ma turix, minkejja l-oneru tal-prova impost fuqha, imfakkar fil-punt 179 ta' din is-sentenza, fhiex jikkonsisti b'mod konkret tali riskju, u lanqas kif ir-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat jippermetti l-prevenzjoni ta' dan.

186 Fi kwalunkwe każ, hekk kif l-Avukat Ġenerali essenzjalment irrilevat fil-punt 185 tal-konklużjonijiet tagħha, l-Ungerija ma spjegatx għaliex l-għan ta' prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa ma jkunx jista' jintlaħaq jekk fornitur li ma jagħtix minn qabel taħriġ ta' edukazzjoni ogħla fl-Istat Membru fejn għandu s-sede tiegħu jkun jista' jistabbilixxi bi kwalunkwe mezz ieħor li huwa josserva l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat u li barra minn hekk juri natura affidabbli.

187 Fit-tielet lok, l-għan, invokat mill-Ungerija, li jikkonsisti li jiġi żgurat livell għoli għall-kwalità tal-edukazzjoni ogħla ċertament jista' jiġġustifika restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2003, Neri, C-153/02, EU:C:2003:614, punt 46).

188 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ma jinkludi ebda preċiżazzjoni fir-rigward tal-livell meħtieġ tal-kwalità tat-tagħlim li l-istabbiliment barrani jagħti fl-Istat Membru tas-sede tiegħu u li barra minn hekk bl-ebda mod ma jippreġudika l-kwalità tat-tagħlim li jingħata fl-Ungerija, b'tali mod li ma huwiex, fi kwalunkwe każ, ta' natura li jiggarantixxi t-twettiq ta' dan l-għan.

189 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ma jistax jiġi ġġustifikat mill-argument tal-Ungerija bbażat fuq iż-żamma tal-ordni pubbliku, u lanqas minn dak ibbażat fuq raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali relatati mal-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa u man-neċessità li jiġi żgurat livell għoli tal-kwalità tal-edukazzjoni ogħla.

190 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li, billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija, sa fejn din id-dispożizzjoni tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 TFUE.

c) Fuq l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123 u, sussidjarjament, fuq l-Artikolu 56 TFUE

1) Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2006/123

i) L-argumenti tal-partijiet

191 L-Ungerija ssostni li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "attività ekonomika", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/123, it-taħriġ ipprovdut minn stabbilimenti edukattivi ffinanzjati, essenzjalment, minn fondi privati meta, bħalma huwa l-każ fir-rigward tas-CEU, huwa l-fornitur ta' servizzi nnifsu li jiffinanzja l-attività ta' tagħlim. Konsegwentement, din id-direttiva ma hijiex applikabbli f'dan il-każ.

192 Il-Kummissjoni ssostni li, b'mod konformi mal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/123, kif ukoll il-punt 1 tal-Artikolu 4 tagħha, li jirreferi għad-definizzjoni tas-servizzi stabbilita fit-Trattat FUE, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva jinkludi l-attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ li huma ffinanzjati

essenzjalment permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji privati. B'konsegwenza, l-istabbilimenti privati li jeżerċitaw fl-Ungerija b'mod temporanju attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka xjentifika jistgħu jinvokaw id-dritt għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-imsemmija direttiva.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

193 Skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/123, din tapplika għas-servizzi pprovduti mill-fornituri li għandhom l-istabbiliment tagħhom fi Stat Membru.

194 B'mod konformi mal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, "servizz" għandu jinftiehem bħala kwalunkwe attività ekonomika mhux imħallsa, normalment magħmula bi ħlas, kif imsemmija fl-Artikolu 57 TFUE.

195 F'dan il-każ, l-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla jikkonċerna b'mod ġenerali l-provvista ta' servizzi ta' tagħlim li jistgħu jiġu eżerċitati mill-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin fl-Ungerija u, għaldaqstant, ukoll l-għoti ta' taħriġ bi ħlas. Issa, dan l-għoti jikkostitwixxi "attività ekonomika", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/123. Għaldaqstant, din tal-aħħar hija applikabbli f'dan il-każ.

2) Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni

i) L-argumenti tal-partijiet

196 Il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat, sa fejn dan jirrigwarda wkoll l-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li jixtiequ jipprovdu fl-Ungerija servizzi transkonfinali, jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, iggarantita fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123. Sussidjarjament, il-Kummissjoni ssostni li dan ir-rekwiżit jikser l-Artikolu 56 TFUE.

197 L-Ungerija tikkontesta dan l-argument.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

198 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, b'mod konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2006/123, l-Istat Membru li fih jiġi pprovdut is-servizz għandu jiggarantixxi, b'mod partikolari, l-eżerċizzju liberu tal-attività ta' servizz fit-territorju tiegħu.

199 F'dan il-każ, l-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla jeżiġi mill-istabbilimenti kkonċernati li jipprovdu taħriġ ta' edukazzjoni ogħla fl-Istat li fih għandhom is-sede tagħhom.

200 Ikkunsidrat fid-dawl tad-Direttiva 2006/123, tali rekwiżit, sa fejn jimponi fuq il-fornituri ta' servizzi li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor kundizzjoni supplimentari, huwa ta' natura li jirrestrinġi d-dritt tagħhom għall-eżerċizzju liberu ta' attivitajiet ta' edukazzjoni ogħla fl-Ungerija, fl-ipoteżi fejn huma jkunu jixtiequ jeżerċitaw l-attività tagħhom inizjalment fl-Ungerija pjuttost milli fl-Istat Membru tas-sede tagħhom kif ukoll fl-ipoteżi fejn dawn ikollhom l-intenzjoni li jeżerċitaw tali attività esklużivament fl-Ungerija.

3) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni

i) L-argumenti tal-partijiet

201 L-Ungerija ssostni li r-rekwiżit li jingħata taħriġ fl-Istat Membru tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat huwa neċessarju għall-finijiet li jinżamm l-ordni pubbliku. F'dan ir-rigward, l-Ungerija tirreferi, *mutatis mutandis*, għall-argument tagħha dwar il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 49 TFUE.

202 Il-Kummissjoni tqis li l-Ungerija ma wrietx li s-servizzi ta' tagħlim ipprovduti temporanjament mill-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla stabbiliti fi Stat Membru kellhom effett fuq l-ordni pubbliku fl-Ungerija, kif madankollu jeżiġi l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2006/123.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

203 Skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2006/123, l-Istat Membru li fih il-fornitur jiċċaqlaq sabiex jipprovdi s-servizz tiegħu għandu l-possibbiltà li jimponi rekwiżiti dwar il-provvista tal-attività ta' servizz meta dawn ikunu ġġustifikati b'mod partikolari minħabba raġuni ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà pubblika, kif ukoll b'mod konformi mal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu 16.

204 Madankollu, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 181 ta' din is-sentenza, li għaliha tirreferi l-premessa 41 tad-Direttiva 2006/123, ir-raġunijiet ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà pubblika jippreżupponu b'mod partikolari l-eżistenza ta' theddida ġenwina, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà. Issa, hekk kif dan ġie rrilevat fil-punti 154 u 182 ta' din is-sentenza, l-Ungerija ma invokat ebda argument ta' natura li jistabbilixxi, b'mod konkret u ddettaljat, kif l-eżerċizzju, fit-territorju tagħha, ta' attività ta' edukazzjoni ogħla minn stabbilimenti li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor jikkostitwixxi, fin-nuqqas tal-osservanza tar rekwiżit li jiġi pprovdut taħriġ fl-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat, theddida ġenwina, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà Ungeriża.

205 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li dan ir-rekwiżit ma jistax jiġi ġġustifikat fir-rigward tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2006/123.

206 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija, sa fejn din id-dispożizzjoni tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123. B'konsegwenza, ma hemmx bżonn li jiġi eżaminat jekk dan l-Istat Membru kisirx l-Artikolu 56 TFUE, peress li tali ksur tqajjem mill-Kummissjoni biss sussidjarjament.

207 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija naqset, sa fejn din id-dispożizzjoni tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat terz membru tal-WTO, milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-GATS u, sa fejn tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor, mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 TFUE u taħt l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123.

3. Fuq l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta

a) Fuq l-applikabbiltà tal-Karta

1) L-argumenti tal-partijiet

208 Il-Kummissjoni ssostni li, meta l-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom skont ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, bħall-GATS, dawn "jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li huma obbligati josservaw id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar.

209 Barra minn hekk, peress li l-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla jirrestrinġi libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE, id-Direttiva 2006/123 u l-GATS, din id-dispożizzjoni għandha tkun kompatibbli mal-Karta.

210 L-Ungerija ssostni li, minn naħa, miżura nazzjonali li tikser l-impenji meħuda mill-Istati Membri fil-kuntest tal-GATS ma tistax titqies li tagħmel parti mill-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

211 Min-naħa l-oħra, peress li, skont dan l-Istat Membru, la d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u lanqas id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/123 ma japplikaw f'dan il-każ u li, konsegwentement, il-miżuri kontenzjuži ma jikkostitwixxux restrizzjoni li tikser il-libertajiet fundamentali stabbiliti mit-Trattat FUE jew id-Direttiva 2006/123, dawn ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li l-Karta hija irrilevanti.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

212 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, f'dak li jirrigwarda l-azzjoni tal-Istati Membri, huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, skont liema d-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati lill-Istati Membri unikament "meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni".

213 F'dan il-każ, minn naħa, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 71 ta' din is-sentenza, il-GATS tagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni. Minn dan isegwi li, meta l-Istati Membri jeżegwixxu l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-ftehim, inkluż dak impost fl-Artikolu XVII(1) tiegħu, huma għandhom jitqiesu bħala li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

214 Min-naħa l-oħra, meta Stat Membru jsostni li miżura li jkun l-awtur tagħha, u li tirrestrinġi libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat FUE, hija ġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali rrikonoxxuta mid-dritt tal-Unjoni, tali miżura għandha titqies bħala li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li għandha tkun konformi mad-drittijiet fundamentali stabbiliti minn din tal-aħħar (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva), C-78/18, EU:C:2020:476, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-istess japplika f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123.

215 Konsegwentement, il-miżuri kontenzjuži għandhom ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta.

216 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk dawn il-miżuri jillimitawx id-drittijiet fundamentali invokati mill-Kummissjoni u, fl-affermattiv, jekk humiex madankollu ġġustifikati, kif tallega l-Ungerija.

b) Fuq l-eżistenza ta' limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali kkonċernati

1) L-argumenti tal-partijiet

217 Skont il-Kummissjoni, il-miżuri kontenzjużi jaffettwaw, fl-ewwel lok, il-libertà akkademika, iggarantita fl-Artikolu 13 tal-Karta, u, fit-tieni lok, il-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim kif ukoll il-libertà ta' intrapriża, stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 14(3) tal-Karta u fl-Artikolu 16 tagħha.

218 Fir-rigward tal-libertà akkademika, din l-istituzzjoni tikkunsidra li dawn il-miżuri jaffettwaw il-fakultà tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin ikkonċernati li jwettqu liberament xogħlijiet ta' riċerka fl-Ungerija kif ukoll li jxandru l-għarfien u kisbiet xjentifiċi.

219 Fir-rigward tal-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim u tal-libertà tal-intrapriża, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri kontenzjużi jirrestringu d-dritt tal-individwi li jeżerċitaw attività kummerċjali u d-dritt tal-impriżi li jibbenefikaw minn ċerta stabbiltà fir-rigward tal-attività tagħhom.

220 L-Ungerija ssostni, fir-rigward tal-libertà akkademika, li l-fatt li stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla għandu jissodisfa ċerti obbligi legali la jaffettwa l-libertà akkademika tal-istabbiliment ikkonċernat u lanqas dik tal-persunal tiegħu. Fil-fatt, tali obbligi ma għandhomx inevitabbilment effett fuq il-fakultà li jiġu eżerċitati attivitajiet xjentifiċi, kemm minn perspettiva istituzzjonali jew minn perspettiva personali.

221 Fir-rigward tal-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim u l-libertà ta' intrapriża, l-Ungerija ma tikkontestax, essenzjalment, il-fatt li l-miżuri kontenzjużi jillimitaw l-eżerċizzju tal-ewwel waħda minnhom.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

222 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-libertà akkademika, din hija stabbilita f'termini ġenerali fit-tieni sentenza tal-Artikolu 13 tal-Karta, li tipprovdi li "[i]l-libertà akkademika għandha tiġi rispettata".

223 Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, hemm lok li d-drittijiet stabbiliti fiha u li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), jingħataw l-istess tifsira u, tal-inqas, l-istess portata bħal dawk li tagħtihom din il-konvenzjoni.

224 Ċertament, it-test tal-KEDB ma jagħmilx riferiment għal-libertà akkademika. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li din il-libertà hija assoċjata, b'mod partikolari, mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni stabbilit fl-Artikolu 10 tal-KEDB (Qorti EDB, 15 ta' April 2014, Hasan Yazıcı vs It-Turkija, CE:ECHR:2014:0415JUD004087707, punti 55 u 69, kif ukoll il-Qorti EDB, 27 ta' Mejju 2014, Mustafa Erdoğan *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2014:0527JUD000034604, punti 40 u 46), kif jikkonferma wkoll il-kummentarju dwar l-Artikolu 13 tal-Karta li jinsab fl-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17).

225 F'din il-perspettiva speċifika, il-libertà akkademika, fir-riċerka kif ukoll fit-tagħlim, għandha tiggarantixxi l-libertà ta' espressjoni u ta' azzjoni, il-libertà li tiġi kkomunikata informazzjoni kif ukoll dik ta' riċerka u ta' xandir mingħajr restrizzjoni tal-għarfien u tal-verità, filwaqt li huwa ppreċiżat li din il-libertà ma hijiex limitata għar-riċerka akkademika jew xjentifika, iżda testendi wkoll għal-libertà tal-universitajiet li jesprimu b'mod liberu l-fehmiet tagħhom u l-opinjonijiet tagħhom (Qorti EDB, 27 ta' Mejju 2014, Mustafa Erdoğan *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2014:0527JUD000034604, punt 40).

226 Madankollu, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punti 145 u 146 tal-konklużjonijiet tagħha, il-kunċett ta' "libertà akkademika" għandu jinftiehem b'mod iktar wiesa'.

227 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li huwa utli, sabiex jiġu ċċarati l-elementi differenti relatati mal-libertà akkademika u sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżuri kontenzjużi jikkostitwixxux limitazzjonijiet għal din il-libertà, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kontenut tar-Rakkomandazzjoni 1762 (2006), adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fit-30 ta' Ġunju 2006 u intitolata "Libertà Akkademika u Awtonoma tal-Universitajiet", li minnha jirriżulta li l-libertà akkademika tinkludi wkoll dimensjoni istituzzjonali u organizzattiva, peress li r-rabta ma' infrastruttura hija kundizzjoni essenzjali għall-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka. Huwa wkoll rilevanti l-punt 18 tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Kundizzjoni tal-Għalliema tal-Edukazzjoni Ogħla, adottata fil-11 ta' Novembru 1997 mill-Konferenza Ġenerali tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, għax-Xjenza u għall-Kultura (Unesco), miġbura f'Pariġi mill-21 ta' Ottubru sat-12 ta' Novembru 1997 fid-29 sessjoni tagħha, li jippreċiża li "[l]-awtonomija hija l-espressjoni istituzzjonali tal-libertajiet akkademiċi u kundizzjoni neċessarja sabiex l-għalliema u l-istabbilimenti tal-edukazzjoni ogħla jkunu jistgħu jwettqu funzjonijiet tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-punt 19 ta' din ir-rakkomandazzjoni jippreċiża li "[h]uwa d-dmir tal-Istati Membri li jipproteġu l-awtonomija tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla kontra kull theddida, minn kwalunkwe post minn fejn tkun ġejja" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

228 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkunsidrat li l-miżuri kontenzjużi jistgħu jipperikolaw l-attività akkademika tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla barranin ikkonċernati fit-territorju Ungeriż u, għaldaqstant, iċaħħdu lill-universitajiet ikkonċernati mill-infrastruttura awtonoma, neċessarja għat-twettiq tar-riċerki xjentifiċi tagħhom u għall-eżerċizzju tal-attivitajiet pedagoġiċi tagħhom. B'konsegwenza, dawn il-miżuri huma ta' natura li jillimitaw il-libertà akkademika protetta fl-Artikolu 13 tal-Karta.

229 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim u l-libertà ta' intrapriża, dawn huma stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 14(3) tal-Karta u fl-Artikolu 16 tagħha.

230 Skont l-Artikolu 14(3) tal-Karta, il-libertà li jinħolqu stabbilimenti edukattivi fl-osservanza tal-prinċipji demokratiċi għandha tiġi osservata skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju tagħhom.

231 Barra minn hekk, l-Artikolu 16 tal-Karta jistabbilixxi li l-libertà ta' intrapriża għandha tiġi rrikonoxxuta b'mod konformi mad-dritt tal-unjoni u mal-leġiżlazzjonijiet u prattiki nazzjonali.

232 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim, pubbliċi jew privati, hija ggarantita bħala wieħed mill-aspetti tal-libertà ta' intrapriża, b'tali mod li dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien.

233 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-miżuri kontenzjużi huma, skont il-każ, ta' natura li jirrendu inċerta jew li tiġi eskluża l-possibbiltà stess li jinħoloq fl-Ungerija stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla jew li tali stabbiliment diġà eżistenti jkompli jiġi operat fiha.

234 B'konsegwenza, dawn il-miżuri għandhom jitqiesu li jillimitaw kemm il-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim iggarantita fl-Artikolu 14(3) tal-Karta kif ukoll il-libertà ta' intrapriża stabbilita fl-Artikolu 16 ta' din tal-aħħar.

c) Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni

1) L-argumenti tal-partijiet

235 L-Ungerija ssostni li l-miżuri kontenzjużi huma ġġustifikati fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta.

236 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-libertà li jinħolqu stabbilimenti edukattivi u ta' libertà ta' intrapriża, dan l-Istat Membru jsostni li dawn għandhom jiġu eżerċitati fl-osservanza tal-prinċipji demokratiċi u fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju tagħhom. Għalhekk, Stat Membru ma jista' jiġi akkużat b'ebda limitazzjoni illegali meta dan jirregola attività ekonomika bil-għan li jippermetti lil suġġetti tad-dritt oħrajn li jeżerċitaw dawn il-libertajiet.

237 Il-Kummissjoni ssostni li l-limitazzjonijiet li l-miżuri kontenzjużi jimponu għal-libertajiet stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 13, fl-Artikolu 14(3) u fl-Artikolu 16 tal-Karta ma jidhrux li huma ġġustifikati fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta.

238 Fil-fatt, l-Ungerija ma turix, f'dan il-każ, li l-limitazzjonijiet miġjuba mill-miżuri kontenzjużi għal-libertà akkademika u għal-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' tagħlim jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti drittijiet u libertajiet ta' oħrajn, u lanqas li dawn il-limitazzjonijiet huma proporzjonati.

2) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

239 L-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprevedi li kull limitazzjoni miġjuba għall-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti mill-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tosserva l-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u tal-imsemmija libertajiet. Fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss jekk ikunu neċessarji u dawn effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti drittijiet u libertajiet tal-oħrajn.

240 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fil-punti 132, 138, 154, 155 u 189 ta' din is-sentenza, li l-miżuri kontenzjużi ma kienu ġġustifikati minn ebda wieħed mill-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni li l-Ungerija invokat.

241 Minn dan jirriżulta li dawn il-miżuri, li jillimitaw id-drittijiet stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 13, fl-Artikolu 14(3) u fl-Artikolu 16 tal-Karta, hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 228 u 234 ta' din is-sentenza, ma jissodisfawx, fi kwalunkwe każ, dawn l-għanijiet ta' interess ġenerali.

242 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi adottat il-miżuri kontenzjużi, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta.

243 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, hemm lok li jiġi kkonstatat li,

– billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(a) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-GATS;

– billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(b) tal-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla, l-Ungerija naqset, sa fejn din id-dispożizzjoni tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat terz membru tal-WTO, milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII

tal-GATS u, sa fejn tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor, milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 TFUE u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123, u

– billi adottat il-miżuri kontenzjużi, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta.

Fuq l-ispejjeż

244 Skond l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Ungerija tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(a) tan-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény (il-Liġi Nru CCIV tal-2011, dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali), kif emendata bin-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény módosításáról szóló 2017. évi XXV. törvény (il-Liġi Nru XXV tal-2017, li temenda l-Liġi Nru CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali), li tissuġġetta l-eżerċizzju, fl-Ungerija, ta' attività ta' taħriġ li twassal għal diploma mill-istabbilimenti ta' edukazzjoni għola barranin li jinsabu barra miż-Żona Ekonomika Ewropea għall-kundizzjoni li l-Gvern Ungeriż u l-Gvern tal-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ikunu taw kunsens li jintrabtu permezz ta' konvenzjoni internazzjonali, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, li jinsab fl-Anness 1 B tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, iffirmat f'Marrakesh u approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994).**

2) **Billi adottat il-miżura prevista fl-Artikolu 76(1)(b) tan-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény (il-Liġi Nru CCIV tal-2011, dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali), kif emendata bin-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény módosításáról szóló 2017. évi XXV. törvény (il-Liġi Nru XXV tal-2017, li temenda l-Liġi Nru CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali), li tissuġġetta l-eżerċizzju, fl-Ungerija, tal-attività tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni għola barranin għall-kundizzjoni li huma jagħtu taħriġ ta' edukazzjoni għola fl-Istat tas-sede tagħhom, l-Ungerija naqset, sa fejn din id-dispożizzjoni tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni għola li għandhom is-sede tagħhom fi Stat terz membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, għall-obbligi tagħha taħt l-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, li jinsab fl-Anness 1 B tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, iffirmat f'Marrakesh u approvat bid-Deċiżjoni 94/800 u, sa fejn tapplika għal stabbilimenti ta' edukazzjoni għola li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor, għall-obbligi li hija għandha skont l-Artikolu 49 TFUE u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.**

3) **Billi adottat il-miżuri previsti fl-Artikolu 76(1)(a) u (b) tan-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény (il-Liġi Nru CCIV tal-2011, dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali), kif emendata bin-Nemzeti felsőoktatásról szóló 2011. évi CCIV. törvény módosításáról szóló 2017. évi XXV. törvény (il-Liġi Nru XXV tal-2017, li temenda l-Liġi Nru CCIV tal-2011 dwar l-Edukazzjoni Għola Nazzjonali), l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(3) u l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

4) **L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem